Il-Manwal tal-Utent tal-iTero Element 2 u iTero Element Flex

Drittijiet tal-awtur

© 2019 Align Technology, Inc. Id-Drittijiet Kollha Riservati.

L-informazzjoni li tinsab f'dan il-manwal hija soġġetta għal tibdil mingħajr avviż.

Il-ħardwer u s-softwer deskritti f'dan il-manwal huma fornuti taħt Il-Ftehim dwar il-Bejgħ u s-Servizzi u jistgħu jintużaw biss skont it-termini ta' dak il-ftehim.

L-ebda parti minn dan il-manwal ma tista' tiġi riprodotta, fotokopjata, maħżuna f'sistema ta' rkupru, jew b'xi mod trasmessa (b'mod elettroniku jew mekkaniku) għal kwalunkwe skop għajr għall-użu normali min-naħa tal-klijent, mingħajr il-permess bil-miktub ta' Align Technology.

Verżjoni bil-lingwa Maltija.
Aġġornat f'Novembru, 2019.

Marki Kummerċjali

Align, Invisalign, iTero, iTero Element u iTero Element 5D, fost oħrajn, huma marki kummerċjali u/jew marki ta' servizz ta' Align Technology, Inc. jew waħda mis-sussidjarji tal-kumpanija jew imsieħba affiljati magħha u dawn jistgħu jkunu rreġistrati fl-Istati Uniti u/jew f'pajjiżi oħra.

Kull marki kummerċjali oħra jew marki kummerċjali rreġistrati li jidhru f'dan il-manwal huma proprjetà tas-sidien rispettivi tagħhom.

L-uffiċċju tal-Istati Uniti tal-Amerika

Kwartieri tal-Kumpanija Align Technology, Inc.

2820 Orchard Parkway
San Jose,

California 95134

www.aligntech.com

Tel: +1 (408) 470-1000

Fax: +1 (408) 470-1010

Align Technology Ltd.

3 Ariel Sharon Boulevard

Or-Yehuda 6037606 Israel

Tel:+972 (3) 634-1441

Fax: +972 (3) 634-1440

EC REP

Align Technology B.V.

Zekeringstraat 41

1014 BV Amsterdam,

L-Olanda

Appoġġ għall-Klijenti

Tel: +1 (800) 577-8767

Indirizz Elettroniku:
iterosupport@aligntech.com

Kontraindikazzjonijiet

Għall-persuni li huma dijanjostikati bl-Epilessija, hemm riskju ta' xokk epilettiku minħabba t-teptip tad-dawl tal-iskener iTero. Dawn il-persuni għandhom jevitaw li jħarsu f'kwalukwe ħin lejn dawl li jteptep li huwa assoċjat mas-sistema filwaqt li din tkun qed topera.

Konformità

Konformità tal-lejżer ta' Klassi 1

Dan l-apparat jikkonformi ma' “21 CFR 1040.10” u “EN 60825-1”

Konformità mas-CSA

Dan l-apparat jikkonforma mal-istandard tas-CSA li ġej għall-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika: "UL Std Nru. 60601-1 - Apparat Mediku Elettriku Parti 1: Rekwiżiti Ġenerali għas-Sigurtà”.

C US

Konformità mal-FCC

Dan it-tagħmir jikkonforma ma' Parti 15 tar-Regoli tal-FCC u t-tħaddim tiegħu huwa soġġett għaż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Dan l-apparat jista' ma jikkawżax interferenza li tagħmel il-ħsara.
2. Dan l-apparat irid jaċċetta kwalunkwe interferenza riċevuta, inkluża interferenza li tista' tikkawża operazzjoni mhux mixtieqa.

Twissija FCC

Modifiki fl-apparat li mhumiex approvati espressament mill-manifattur jistgħu jannullaw l-awtorità tiegħek sabiex topera l-apparat skont ir-Regoli tal-FCC.

Konformità mal-EMC

Dan l-apparat jikkonforma mal-istandard tal-EMC li ġej:

"IEC 60601-1-2 Apparat mediku elettriku - Parti 1-2: Rekwiżiti ġenerali għal sigurtà bażika u prestazzjoni essenzjali - Standard kollaterali: Fenomeni elettromanjetiċi - Rekwiżiti u testijiet”.

Konformità ta' sigurtà

Dan l-apparat jikkonforma mal-istandard ta' sigurtà li ġej:

“IEC 60601-1 Tagħmir mediku elettriku - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali għal sigurtà bażika u prestazzjoni essenzjali”.

Konformità CE

Dan l-apparat jikkonforma mad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/EEC għall-Apparati Mediċi.

CE

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Simboli

Is-simboli li ġejjin jistgħu jidhru fuq il-komponenti ta' ħardwer tal-iTero Element 2 u iTero Element Flex u jistgħu jidhru wkoll fi ħdan dan id-dokument u letteratura oħra tal-iTero Element 2 u iTero Element Flex.

Kull fejn jidher dan is-simbolu fuq l-apparat, huwa rrakkomandat li tirreferi għal dan id-dokument għall-informazzjoni dwar l-użu xieraq tal-apparat.

Parti applikata tip BF. Kull komponent li jidher fuqu dan is-simbolu huwa iżolament elettriku tat-tip BF.

Il-ġbir separat ta' skart elettriku u apparat elettroniku huwa meħtieġ. B'konformità mad-Direttiva Ewropea dwar l-iSkart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE), tarmix dan il-prodott fi skart domestiku jew muniċipali. Dan l-apparat fih materjali WEEE.

Jekk jogħġbok ikkuntattja lis-servizz EARN.

Konnessjoni għall-formola ta' talba onlajn: http://b2btool.earn-service.com/aligntech/select.

Attenzjoni! Dan is-simbolu jintuża biex jenfasizza l-fatt li hemm twissijiet jew prekawzjonijiet speċifiċi assoċjati mal-apparat. Kull fejn jidher dan is-simbolu fuq l-apparat, huwa mandatorju li tirreferi għall-informazzjoni marbuta mas-sigurtà f'dan id-dokument.

Partijiet jew aċċessorji li fuqhom jidher dan is-simbolu m'għandhomx jerġgħu jiġu użati.

"Rx only"

ATTENZJONI! Il-Liġi Federali tal-Istati Uniti tirrestriġi dan l-apparat għall-bejgħ minn jew fuq ordni ta' Dentist, Ortodontist jew Professjonist Dentali liċenzjat. Is-sistema sservi bħala apparat mediku b'preskrizzjoni u għandha tkun operata biss minn forniturі kwalifikati tal-kura tas-saħħa.

Manifattur ta' apparat mediku.

Numru tal-ordni.

Numru tas-serje.

Kurrent alternat.

Jindika apparat mediku li jeħtieġ li jkun protett mill-indewwa.

Jindika l-limiti tat-temperatura li l-apparat mediku jista' jiġi espost għalihom b'mod sikur.

Jindika l-ħtieġa li l-utent jikkonsulta l-istruzzjonijiet għall-użu.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Kodiċi tal-lott tal-manifattur.



Jindika l-firxa ta' pressjoni atmosferika li għaliha l-apparat mediku jista' jkun espost b'mod sikur.

Jindika l-firxa ta' umdità li għaliha l-apparat mediku jista' jkun espost b'mod sikur.

Fraġli, qandel b'attenzjoni.

Din in-naħa għandha tkun 'il fuq.

IEC 60417-5031: Kurrent dirett.

Wand (unità tal-iskenjar).

Plakka tal-USB.

Batterija elettrika.

IEC 60417-5009:STAND-BY.

ATTENZJONI: Tidħolx fil-hub tal-iTero Element Flex.

Jindika r-rappreżentant Awtorizzat fil-Komunità Ewropea.

Jindika li l-apparat jikkonformi mar-RoHS taċ-Ċina.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Struzzjonijiet ta' sigurtà

Qabel ma jibdew jaħdmu bis-sistema, l-utenti kollha huma meħtieġa jaqraw dawn l-istruzzjonijiet ta' sigurtà.

Provvista tal-elettriku

L-elettriku huwa fornut lis-sistema permezz ta' provvista tal-elettriku interna ta' grad mediku.

Qawwa tal-batterija

iTero Element 2 biss:

- Iċċarġjar – il-batterija tal-iskener se tkun kompletament iċċarġjata wara li tkun mqabbda mas-sors tal-elettriku għal sagħtejn.
- B'batterija ċċarġjata kompletament, tista' tiskenja sa 30 minuta.
- **Twissija:** L-iskener huwa pprovdut b'pakkett tal-batterija Li-ion rikarikabbli. Hemm periklu ta' splużjoni jekk il-batterija tiġi mibdula b'mod mhux korrett. Biddel biss bl-istess tip rakkomandat mill-manifattur. Armi l-batteriji użati skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

Twissijiet tal-elettriku

- **Periklu ta' xokk elettriku!!** It-tekniċi awtorizzati tal-Align Technology biss jistgħu jneħħu l-pannelli esterni u l-għotien. Ġewwa m'hemmx partijiet li jistgħu jinbidlu mill-utent.
- Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' xokk elettriku, l-iskener għandu jkun imqabbad biss mal-provvista tal-mains b'erting protettiv.
- Web camera jew diska fuq ċavetta approvati minn Align Technology biss għandhom jiġu imqabbda mas-sokits tal-USB fuq in-naħa ta' wara tat-touch screen.

iTero Element Flex biss:

- iTero Element Flex huwa provdut b'hub li fih provvista ta' enerġija għall-wand. Il-Flex hub għandu jinżamm niexef u jkun protett kontra l-ksur.
- Qabbad il-Flex hub ma' laptop li huwa approvat skont l-IEC60950, u l-UL60950 biss-1. Il-laptop u l-aċċessorji tiegħu kollha għandhom ikunu mill-inqas 1.5m 'il bogħod mill-pazjent. Tiskenjax pazjent u tmiss il-laptop jew xi aċċessorji tiegħu fl-istess ħin.
- Il-wand iTero u l-laptop approvat biss għandhom ikunu mqabbda mas-sokits tal-USB fuq il-hub Flex.
- Il-kejbil tal-elettriku approvat minn Align Technology biss għandu jintuża sabiex iqabbad il-Flex hub mal-plakka tal-AC.

Wireless LAN

Is-sistema tiġi mgħammra b'unità ta' wireless LAN.

Klassifikazzjonijiet ta' sigurtà

- Tip ta' protezzjoni kontra xokk elettriku: Klassi 1.
- Grad ta' protezzjoni kontra xokk elettriku. Tip BF.
- Grad ta' protezzjoni kontra dħul dannuż tal-ilma. Ordinarju.
- Tagħmir mhux addattat għall-użu fil-preżenza ta' taħlitiet ta' anestetiku fjammabbli.
- Modalità ta’ tħaddim: Kontinwu.

Apparat ta' saħħa tal-preskrizzjoni

Is-sistema sservi bħala apparat mediku ta' preskrizzjoni u għandha tkun operata biss minn forniturі tal-kura tas-saħħa kwalifikati.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Twissijiet tal-iskener

- Il-wand tarmi dawl aħmar tal-lejżer (680nm Klassi 1) kif ukoll emissjonijiet tal-LED abjad. L-użu normali tal-wand ma jippreżenta l-ebda periklu għal għajnejn il-bniedem. Madankollu, għandek iżomm lura milli titfa' d-dawl tal-wand direttament f'għajnejn il-pazjent.
- Evita milli tobrom, tiġbed, tirfes u tagħmel l-għoqiedi fil-kejbil.
- Meta s-sistema ma tkunx qed tintuża, il-wand għandha titqiegħed ġewwa l-benniena bis-sonda tħares lejn it-touch screen b'tali mod li ma jkun hemm ebda kuntatt diret bejn l-għajnejn u r-raġġ tal-lejżer, jew mal-emissjoni bajda li tpetpet tal-LED.
- Attiva l-wand biss waqt li l-ponta tal-wand tkun f'ħalq il-pazjent.
- Evita milli tqiegħed il-wand fil-benniena waqt li l-operazzjoni tal-iskenjar tkun għadha attiva.
- Jekk isseħħ ħsara fl-iskener jew tiġi osservata ħsara fiżika, waqqaf l-iskenjar u ċempel l-Appoġġ lill-Klijenti.

Tindif u diżinfezzjoni

- Biex tiġi evitata kontaminazzjoni kroċjata, huwa obbligatorju li:
  - Tnaddaf u tiddiżinfetta l-wand, kif deskritt f'taqsima 10.2, u tibdel il-kmiem tal-wand mhux riutilizzabbli kif deskritt f'taqsima 1.4.3.1.1, wara kull sessjoni ma' pazjent.
  - Tneħħi u tibdel l-ingwanti wara kull sessjoni ma' pazjent.
  - Tarmi ingwanti mqattgħin, ikkontaminati jew li jkunu tneħħew.
- Tarmi l-kmiem tal-iskener skont il-proċeduri operattivi fissi jew ir-regolamenti lokali għar-rimi tal-iskart mediku kkontaminat.

Tneħħija mill-imballaġ u installazzjoni

Is-sistema għandha tiġi żvujtata u installata skont l-istruzzjonijiet ta' Align Technology, deskritti f'taqsima 2.1.

Ambjent tax-xogħol

- Is-sistema għandha tiċċaqlaq minn kamra għal oħra bl-akbar attenzjoni biex tiġi evitata l-ħsara.
- Timblokkax il-ventilaturi tal-arja ta' fuq il-wand u l-iskrin.
- Is-sistema hija maħsuba għall-użu fuq ġewwa biss. M'għandhiex tkun esposta direttament għad-dawl tax-xemx, sħana eċċessiva jew umdità.
- iTero Element Flex biss: Jekk l-iTero Element Flex għadu kif ddaħħal fl-uffiċċju wara li kien f'ambjent sħun jew kiesaħ jew umdu, dan għandu jitwarrab sakemm jiġi aġġustat għat-temperatura ambjentali tal-kamra biex tiġi evitata l-kondensazzjoni interna.

Interferenza elettromanjetika

TWISSIJA: Dan l-apparat ġie ttestjat u nstab li jikkonforma mar-rekwiżiti għall-apparati mediċi skont l-istandard IEC60601-1-2.

Dan l-istandard huwa mfassal sabiex jipprovdi protezzjoni raġonevoli kontra l-interferenza li tista' tikkawża ħsara waqt installazzjoni medika tipika. Madankollu, minħabba l-proliferazzjoni ta' tagħmir li jittrasmetti l-frekwenzi tar-radju u sorsi oħra ta' interferenza elettrika u elettromanjetika f'ambjenti ta' kura tas-saħħa (eż., mowbajls, radjijiet mobbli b'żewġ direzzjonijiet, apparati elettriċi), huwa possibbli li livelli għoljin ta' interferenza bħal dawn, minħabba l-qrubija jew is-saħħa tas-sors, jistgħu jwasslu għal interruzzjoni tal-eżekuzzjoni ta' dan l-apparat. F'dan il-każ, l-apparat jista' jerġa' jiġi ritornat għall-modalità ta' tħaddim wara l-intervent min-naħa tal-utent jew permezz ta' rkupru-awtomatiku.

Ġenerali

TWISSIJIET:

- Mhi permessa l-ebda modifika ta' dan l-apparat.
- iTero Element 2 biss: It-touchscreen għandu jkun dejjem imwaħħal mal-istand wara l-assemblaġġ tiegħu.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Werrej

1 Introduzzjoni 1

1.1 Dwar dan id-dokument 1
1.2 Użu maħsub 1
1.3 Benefiċċji 1
1.4 Il-Ħardwer ta' iTero Element 2
1.4.1 iTero Element 2 2
1.4.2 iTero Element Flex 3
1.4.3 Wand tal-iTero Element 4
1.5 Is-softwer ta' iTero 6

2 Biex tibda 7

2.1 Struzzjonijiet tal-assemblaġġ 7
2.1.1 Biex tarma l-iskener iTero Element 2 – konfigurazzjoni tal-istand tar-rota 7
2.1.2 Biex tarma l-iskener iTero Element 2 – konfigurazzjoni tal-istand tal-counter 10
2.1.3 Immuntar tal-iskener iTero Element Flex 12
2.2 Installazzjoni tas-softwer iTero - iTero Element Flex 13
2.3 Login fl-iskener għall-ewwel darba 14
2.4 Xogħol fil-Modalità Dimostrattiva 14
2.4.1 Ħruġ mill-Modalità Dimostrattiva 18
2.5 Reġistrazzjoni tal-iskener - il-proċess Make It Mine 18

3 Kif taħdem bl-iskener iTero Element 2 u iTero Element Flex 23

3.1 Idħol fl-iskener 23
3.1.1 Biex tirrisettja l-password tiegħek 25
3.2 Ħruġ mill-iskener 26
3.3 Biex titfi l-iskener 27
3.4 Ċaqliq tal-iskener fi ħdan l-uffiċċju 27
3.5 Interfaċċja tal-utent 27
3.5.1 Toolbar tal-iskener 30
3.5.2 Ġesti tat-touch screen 31
3.6 Deskrizzjoni tal-issettjar tal-iskener 32
3.6.1 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-Kompjuter 33
3.6.2 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-Utent 37
3.6.3 Biex tiddefinixxi l-issettjar tas-Sistema 43

4 Sabiex tibda scan ġdida 48

4.1 Mili tal-Rx 49
4.1.1 Ħidma fuq tipi ta' scans ristorattivi 51

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.2 Skenjar tal-pazjent 54
4.2.1 Gwida għall-iskenjar 55
4.2.2 L-aħjar prattiċi għall-iskenjar 56
4.2.3 Għażliet tal-iscan 56
4.2.4 Editjar ta' scan 59
4.3 Biex tara l-iscan 63
4.3.1 Notifiki ta' segmenti tal-iscan nieqsa 64
4.3.2 Kif taħdem bl-għodda tat-Tħassir 65
4.3.3 Kif taħdem bl-għodda tal-Ispazju 67
4.3.4 Kif taħdem bl-għodda tat-Tirqim tat-Truf 69
4.3.5 Kif taħdem bl-għodda tas-Separazzjoni tad-Die 71
4.3.6 Uża t-timer tal-iscan 75
4.4 Biex tibgħat l-iscan 75
4.5 Il-bażi tal-iskenjar ristorattivi 76
4.6 Il-bażi tal-iskenjar ortodontiku 76
4.7 Biex taħdem bil-Viewer 76
4.7.1 Għodda tal-Ispazju 80
5 Kif taħdem mal-pazjenti 81
5.1 It-tiftix tal-pazjenti 82
5.2 Biex tara d-dettalji tal-pazjent 83
5.3 Ħolqien ta' scan ġdida għal pazjent speċifiku 84
5.4 Biex tara l-Rx 85
5.5 Biex tara l-iscans preċedenti fil-Viewer 86
5.5.1 Tqabbil ta' scans preċedenti bl-użu tat-teknoloġija iTero TimeLapse 87
6 Kif taħdem mal-ordnijiet 91
7 Dehra tal-messaġġi 94
8 Kif taħdem b'MyiTero 95
9 Karatteristiċi ta' iTero Invisalign 96
9.1 Simulatur tar-Riżultati Invisalign 96
9.2 Evalwazzjoni tal-Progress Invisalign 96
9.3 Is-Sistema Invisalign Go 97
10 Kura u manutenzjoni 98
10.1 Tqandil tal-wand u tal-kejbil 98
10.2 Tindif u diżinfezzjoni tal-wand 98
10.2.1 Tindif tat-touch screen tal-iskener 98
10.3 Manutenzjoni tal-webcam 98

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

11 Linji gwida tan-netwerk LAN tal-klinika 99
11.1 Introduzzjoni 99
11.2 Tħejjijiet 99
11.3 Linji gwida għar-router 99
11.4 Linji gwida għall-konnessjoni tal-Internet 100
11.5 Firewall 100
11.6 Pariri dwar il-Wi-Fi 100
11.7 Rakkomandazzjonijiet tal-hostname ta' Align 101
12 Dikjarazzjoni tal-EMC 102
13 Whitepaper dwar is-sigurtà tal-prodott ta' iTero Element 105
14 Speċifikazzjonijiet tas-sistema 107
14.1 Speċifikazzjonijiet tas-sistema - iTero Element 2 107
14.2 Speċifikazzjonijiet tas-sistema - iTero Element Flex 108
Indiċi 109

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Tabella tal-figuri

Figura 1: Dehra minn quddiem ta' iTero Element 2 2
Figura 2: Dehra minn wara ta' iTero Element 2 3
Figura 3: iTero ElementFlex 3
Figura 4: iTero Element Flex fil-kaxxa fornuta għall-ġarr 4
Figura 5: Il-wand ta' iTero Element 4
Figura 6: Komma protettiva 5
Figura 7: Komma mhux riutilizzabbli 5
Figura 8: Tneħħija ta' komma tal-wand 5
Figura 9: Il-wiċċ ottiku tal-wand 6
Figura 10: Żerżaq bil-mod il-komma l-ġdida f'postha 6
Figura 11: Skrin ta' Merħba 14
Figura 12: Il-logo ta' iTero Element 15
Figura 13: L-għażla tal-Modalità Dimostrattiva 15
Figura 14: It-tieqa tal-Login b'lista ta' utenti dimostrattivi 15
Figura 15: Il-buttuna tal-Login għad-dimostrazzjoni 16
Figura 16: Il-home screen tal-Modalità Dimostrattiva 16
Figura 17: Il-każijiet dimostrattivi murija fil-lista tal-ordnijiet tal-passat 17
Figura 18: Il-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat - għażliet 17
Figura 19: Ħruġ mill-modalità Dimostrattiva 18
Figura 20: L-għażla tan-netwerk 19
Figura 21: Verifika tal-komunikazzjoni ma' Align 19
Figura 22: Biex tagħżel iż-żona tal-ħin tiegħek 20
Figura 23: Ir-reġistrazzjoni tas-sistema biex tippersonalizza s-setup 20
Figura 24: Il-pakkett ta' abbonament ta' iTero 21
Figura 25: Il-ftehim tal-liċenzja 21
Figura 26: Verifika għal aġġornamenti 22
Figura 27: Sistema hija rreġistrata u lesta 22
Figura 28: Tieqa tal-login 23
Figura 29: il-home screen ta' iTero 24
Figura 30: Il-buttuna insejt il-Password 25
Figura 31: Il-qasam għall-indirizz elettroniku għall-password minsija 25
Figura 32: Il-kamp tat-tweġiba tas-sigurtà 26
Figura 33: il-homescreen ta' iTero 28
Figura 34: Kemm fadal enerġija fil-batterija 28
Figura 35: Overlay tal-għajnuna 29
Figura 36: Kemm fadal enerġija fil-batterija 30

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Figura 37: Overlay tal-għajnuna 31
Figura 38: Tieqa tal-issettjar 32
Figura 39: Issettjar tal-luminożità 33
Figura 40: Issettjar tal-volum 33
Figura 41: Il-lista tan-netwerks tal-Wi-Fi fil-qrib 34
Figura 42: Konnessjoni man-netwerk tal-Wi-Fi tal-klinika 34
Figura 43: Biex tinsa jew tiskonnettja minn man-netwerk 35
Figura 44: Issettjar taż-żona tal-ħin 36
Figura 45: Tieqa tal-issettjar tal-iscan 37
Figura 46: Il-firxa tal-iskenjar biss hija enfasizzata 39
Figura 47: Tieqa tal-issettjar tal-RX 40
Figura 48: It-tieqa tal-Issettjar tal-Firma 41
Figura 49: Tieqa tal-Issettjar tal-Lingwa 42
Figura 50: It-tieqa tal-issettjar tad-dħul 43
Figura 51: Tieqa tad-Dijanjostiċi 44
Figura 52: It-Tieqa tal-Informazzjoni dwar il-Liċenzji 45
Figura 53: It-tieqa tal-Informazzjoni tas-Sistema 46
Figura 54: It-tieqa tal-Issettjar tal-Esportazzjoni – tħassir tal-fajls esportati 47
Figura 55: It-tieqa tal-iScan Ġdida li turi Rx vojta u t-toolbar tal-progress fil-parti ta' fuq tat-tieqa 48
Figura 56: Għażla tat-tip ta' każ meħtieġ 49
Figura 57: It-Tieqa ta' Scan Ġdida - it-tip ta' każ ta' iRecord 50
Figura 58: It-Tieqa ta' Scan Ġdida – Tip ta' każ ristorattivi b'ċart tas-snien 51
Figura 59: Lista ta' għażliet għal trattament ristorattiv 52
Figura 60: Id-definizzjoni tal-proprjetajiet ristorattivi 53
Figura 61: Informazzjoni dwar it-Trattament 54
Figura 62: Sekwenza ta' skenjar rakkomandat – ix-xedaq t' isfel 55
Figura 63: Gwida tal-wand 56
Figura 64: Żoni b'anatomija nieqsa murija permezz ta' rispons ta' scan addizzjonali jew mingħajru - bla kulur 57
Figura 65: Żoni b'anatomija nieqsa murija permezz tar-rispons ta' scan addizzjonali - modalità bil-kulur. 57
Figura 66: Mudell muri fil-modalità bil-kulur u dik monokromatika 58
Figura 67: Taptap l-arkata opposta jew taptap il-vleġeġ sabiex tagħżilha 58
Figura 68: Għodod tal-editjar 59
Figura 69: L-għodda Ħassar is-Segment 60
Figura 70: L-għodda Ħassar l-Għażla 60
Figura 71: L-għodda Ħassar l-Għażla mkabbra 61
Figura 72: Iż-żona magħżula tal-anatomija titħassar 61
Figura 73: Għodda tal-Mili 62

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Figura 74: Iż-żoni li jeħtieġ li jiġu skenjati huma enfasizzati bl-aħmar - l-għodda tal-Mili 63
Figura 75: Messaġġ tal-iscan nieqes u segmenti nieqsa enfasizzati bl-aħmar 64
Figura 76: Għodda għat-Tħassir 65
Figura 77: Għażliet tal-għodda tat-tħassir 65
Figura 78: Immarka ż-żona li trid tiġi modifikata 66
Figura 79: Iż-żona magħżula tneħħiet u l-għodda tal-iscan ġiet attivata 66
Figura 80: Iż-żona mħassra mmarkata bl-aħmar 67
Figura 81: L-ispazju okklużali bejn is-snien opposti 68
Figura 82: L-għażliet t' intervalli tal-Ispazju Okklużali 68
Figura 83: Għodda tat-tirqim tat-truf 69
Figura 84: Għażliet tal-għodda tat-tirqim tat-truf 69
Figura 85: Immarka ż-żona li se tinqata' 'l barra 70
Figura 86: Iż-żona magħżula hija enfasizzata u l-ikona ta' konferma attivata 70
Figura 87: Iż-żona magħżula tneħħiet 71
Figura 88: Il-punt tal-ħjiel aħdar iċċentrat fuq is-sinna ppreparata 72
Figura 89: Is-separazzjoni tad-die hija murija f'riżoluzzjoni għolja 72
Figura 90: Għażliet tal-għodda tas-Separazzjoni tad-Die 73
Figura 91: L-iscan muri f'riżoluzzjoni baxxa 73
Figura 92: Qabel ma tagħżel is-separazzjoni tad-die 74
Figura 93: Is-sinna ppreparata huma murija b'riżoluzzjoni għolja 74
Figura 94: Il-buttuna tat-timer tal-iscan fuq if-toolbar u ħin tal-iscan 75
Figura 95: Biex tibgħat l-iscan 75
Figura 96: L-għażla tal-Viewer fil-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat fil-paġna tal-Ordnijiet 76
Figura 97: L-għażla tal-Viewer fil-paġna tal-profil tal-pazjent 77
Figura 98: Mudell f'dehra ta' tieqa waħda 78
Figura 99: Mudell f'dehra f' żewġ twieqi 78
Figura 100: Mudell f'dehra ta' ħames twieqi 79
Figura 101: L-għodda tal-ispazju u l-leġġenda murija fil-Viewer 80
Figura 102: Il-paġna tal-pazjenti 81
Figura 103: Biex tfittex pazjent 82
Figura 104: Il-pazjenti li jaqblu mal-kriterji tat-tfittxija huma murija 82
Figura 105: Il-paġna tal-profil tal-pazjent 83
Figura 106: Il-paġna tal-profil tal-pazjent – għażla ta' Scan Ġdida 84
Figura 107: It-tieqa tal-iScan Ġdida bid-dettalji tal-pazjent diġà mimlija 84
Figura 108: Il-paġna tal-profil tal-pazjent - L-għażla Ara l-Rx 85
Figura 109: Tieqa tad-Dettalji tal-Rx 85
Figura 110: Paġna tal-profil tal-pazjent – l-għażla tal-Viewer 86
Figura 111: Scan murija fil-Viewer 86

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Figura 112: iTero TimeLapse - l-għażla l-iscans sabiex jitqabblu 87
Figura 113: it-tieqa tal-iTero timelapse turi l-bidliet bejn l-iscans enfasizzati 88
Figura 114: Żona ta' interess mill-ewwel scan murija fit-tieqa tal-animazzjoni 89
Figura 115: Żona ta' interess mit-tieni scan murija fit-tieqa tal-animazzjoni 89
Figura 116: L-għażliet ta' kejl ta' iTero TimeLapse 90
Figura 117: Il-paġna tal-ordnijiet 92
Figura 118: Il-pannell Għaddejjin – għażliet 92
Figura 119: Il-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat - għażliet 93
Figura 120: Paġna tal-Messaġġi 94
Figura 121: It-tieqa tal-Valutazzjoni tal-Progress 96

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

1 Introduzzjoni

1.1 Dwar dan id-dokument

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni ġenerali u deskrizzjoni tal-iskeners u tas-softwer ta' iTero Element 2 u iTero Element Flex. Barra minn hekk, jiddeskrivi kif tarma s-sistema, kif tinstalla s-softwer fuq is-sistemi ta' iTero Element Flex, tixgħel u titfi s-sistema, kif tqandel il-wand u l-kejbil, kif tnaddaf u tiddiżinfetta l-wand, u kif tibdel il-kmiem tal-wand bejn pazjent u ieħor.

- iTero Element 2 jipproċessa skenjaturi b'mod aktar veloċi, għandu ergonomija mtejba u immaġini bil-kulur b'definizzjoni għolja, informatika avvanzata, touch widescreen ta' 21.5”, batterija integrata u benniena ergonomika u ċċentrata għal aċċess faċli tal-wand.
- iTero Element Flex, sistema b'wand biss b'kaxxa għall-ġarr apposta li tħallik tieħu t-teknoloġija anki fl-iżgħar kamra operatorja. Din tista' tkun imqabbda ma' laptops approvati minn Align Technology biex jitnaqqas il-bżonn ta' spazju fl-uffiċċji u tiżdied il-mobilità tas-sistema.

1.2 Użu maħsub

L-iskeners iTero Element 2 u iTero Element Flex huma skeners intra-orali bil-karatteristiċi li ġejjin għall-użu maħsub:

- Il-karatteristika tal-impressjoni ottika (CAD/CAM) tal-iskener hija maħsuba/indikata għall-użu sabiex tirreġistra l-immaġni topografiċi tas-snien u tat-tessut orali. Id-dejta ġenerata minn iToro tista' tintuża flimkien mal-produzzjoni ta' apparati (eż. allinjaturi, braces, apparat, eċċ.) u aċċessorji dentali.
- Is-softwer ta' iTero jintuża mal-iskener ta' iTero biex jieħu ritratti diġitali 3D tas-snien, tat-tessut l-artab u tal-istrutturi tal-ħalq, u r-relazzjoni tagħhom mal-abbiltà tal-gdim. Is-softwer jikkontrolla l-ipproċessar tad-dejta, jiffaċilita l-integrazzjoni tad-dejta u jesporta d-dejta għall-fabbrikazzjoni CAD/CAM ta' restawr dentali, apparat ortodontiku, strutturi ta' appoġġ u aċċessorji. Minbarra d-dejta tal-iskenjar, tista' tiġi importata/esportata informazzjoni diversa dwar il-pazjenti u l-każijiet jew tintuża għal skopijiet ta' simulazzjoni. Funzjonijiet oħra huma disponibbli għall-verifika u għas-servizz tas-sistema, u biex iservu bħala għodda tal-ġestjoni għall-ordni.

1.3 Benefiċċji

Is-sistemi iTero Element 2 u iTero Element Flex jipprovdu vantaġġi importanti fuq metodi eżistenti għall-produzzjoni tal-kuruna-, inklużi l-skenjar mingħajr sustanza f'forma ta' trab, preċiżjoni akbar fil-produzzjoni tal-kuruna u rispons immedjat matul il-proċess tal-iskenjar.

Irreferi għall-websajt tagħna http://www.itero.com biex titgħallem kif is-Servizz ta' iTero jista' jtejjeb in-negozju tiegħek billi jżid is-sodisfazzjon tal-pazjenti, itejjeb ir-riżultati kliniċi u l-effiċjenza tal-klinika.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

1.4 Il-Ħardwer ta' iTero Element

Il-mudelli ta' skeners iTero li ġejjin huma deskritti hawn taħt:

- iTero Element 2
  - Konfigurazzjoni tal-'wheel-stand'
  - Konfigurazzjoni tal-'counter-stand'
- iTero Element Flex
  - Konfigurazzjoni tal-laptop (disponibbli biss f'pajjiżi magħżula)
    Irreferi għal http://www.itero.com/en/products/itero_element_flex għar-rekwiżiti minimi tas-sistema.

1.4.1 iTero Element 2

Dehra minn quddiem

Figura 1: Dehra minn quddiem ta' iTero Element 2

A Touch screen
B Swiċċ tal-elettriku
C LED tal-elettriku
D Wand
E Benniena
F Bażi tar-rota

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Dehra minn wara



- **A** Konnettur tal-wand
- **B** Kejbil tal-wand
- **C** Kejbil tal-elettriku tal-iskrin

Figura 2: Dehra minn wara ta' iTero Element 2

1.4.2 iTero Element Flex

- **A** Laptop b'touch screen
- **B** iTero Element Flex hub
- **C** Wand u benniena

Figura 3: iTero ElementFlex

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

1.4.2.1 Trasport tal-iTero Element Flex

Biex tażżigura l-protezzjoni massima tas-sistema, huwa rrakkomandat li ssegwi l-istruzzjonijiet t'hawn taħt meta tittrasporta s-sistema:

1. Ehmeż il-komma protettiva blu fuq il-wand.
2. Poġġi l-oġġetti kollha fil-kaxxa fornuta għall-ġarr sabiex iċċaqlaq is-sistema bejn uffiċju u ieħor.

Figura 4: iTero Element Flex fil-kaxxa fornuta għall-ġarr

3. Kun żgur li l-kaxxa tibqa' niexfa biex tipproteġi l-komponenti tas-sistema mill-umdità.

1.4.3 Wand tal-iTero Element



A Komma mhux riutilizzabbli

B Touchpad

C Buttuni tal-ġenb: Scan, mixgħul/mitfi, attivazzjoni tat-touchpad

D Ventilaturi tal-arja

E Kejbil tal-bastun li jinqala' b'konnettur USB

Figura 5: Il-wand ta' iTero Element

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

1.4.3.1 Il-kmiem tal-wand ta' iTero Element

Hemm 2 tipi ta' kmiem tal-wand:

- **Komma protettiva:** Meta l-iskener ma jkunx qed jintuża, uża l-komma protettiva l-blu sabiex tipproteġi l-wiċċ ottiku tal-wand.
- **Komma mhux riutilizzabbli:** Qabel ma tiskenja pazjent, ehmeż komma mhux riutilizzabbli ġdida.

Figura 6: Komma protettiva

Figura 7: Komma mhux riutilizzabbli

1.4.3.1.1 Bdil tal-kmiem tal-wand bejn pazjent u ieħor

Il-kmiem tal-wand huma maħsuba sabiex jintużaw fuq pazjent wieħed u għandhom jintremew u jiġu sostitwiti wara kull pazjent sabiex tiġi evitata kontaminazzjoni inkroċjata.

ATTENZJONI: Armi l-kmiem użati skont il-proċeduri operattivi fissi jew ir-regolamenti lokali għar-rimi tal-iskart mediku kkontaminat.

Biex tibdel il-komma tal-wand:

1. Agħfas ftit fuq iċ-ċentru tal-komma, iġbed il-komma bil-mod minn fuq il-wand u armiha.

Figura 8: Tneħħija ta' komma tal-wand

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

TWISSIJA: WIĊĊ OTTIKU!

TMISSX il-wiċċ ottiku. Il-kuntatt jista' jikkawża ħsara. Jekk tkun meħtieġa tindifa, uża d-drapp anti-statiku li jinstab ġewwa l-kaxxa tal-kmiem. Għal aktar dettalji, irreferi għall-istruzzjonijiet fil-kaxxa tal-kmiem.

Figura 9: Il-wiċċ ottiku tal-wand

2. Naddaf u ddiżinfetta l-wand, kif deskritt f'taqsima 10.2.
3. Żerżaq bil-mod komma ġdida fuq it-tarf tal-bastun sakemm tfaqqa' f'postha.

   Nota: Jekk l-iskener mhuwiex se jintuża immedjatament wara, ehmeż il-komma protettiva l-blu.

Figura 10: Żerżaq bil-mod il-komma l-ġdida f'postha

1.5 Is-softwer ta' iTero

Is-sistemi l-ġodda ta' iTero Element 2 jiġu bis-softwer installat. Is-softwer jeħtieġ li jiġi installat fuq l-iTero Element Flexsystems, kif deskritt f'taqsima 2.2.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2 Biex tibda

2.1 Struzzjonijiet tal-assemblaġġ

2.1.1 Biex tarma l-iskener iTero Element 2 – konfigurazzjoni tal-istand tar-rota

Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet t'hawn taħt biex tarma l-iskener iTero Element 2:

Qawwa tal-AC

Batterija

Ikklikkja

Qawwa tad-DC

Buttuna tat-tqabbid

Wand

Huma meħtieġa 2 persuni għal din l-installazzjoni

A Touch screen
B Swiċċ tal-elettriku
C LED tal-elettriku
D Wand
E Benniena
F Bażi tar-rota



1. Iċċekkja l-kontenut tal-kaxxi.



2. Qabbad il-lasta mal-bażi tar-rota.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



3. Issikka ż-żewġ viti Allen bl-użu ta' spaner Allen akbar.

4. Neħħi l-għata min-naħa ta' wara tal-manku.



5. Waħħal il-benniena tal-wand fuq in-naħa ta' quddiem tal-istand bir-roti.

6. Żomm il-benniena.

7. Issikka n-naħa ta' wara tal-benniena tal-wand permezz tal-kamin Allen b'l-użu ta' spaner Allen iżgħar.

8. Erġa waħħal l-għata wara l-manku.

9. Neħħi l-għata manjetika min-naħa ta' wara tal-qafas tal-bank bir-roti.

10. Ħoll il-viti u neħħi l-għata tal-batterija.

11. Żerżaq il-batterija fl-islott tal-batterija u ssikka l-viti.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



12. Erfa' t-touch screen biex twaħħlu.

13. Dawwar l-iskener bil-kontra u ssikka l-vit biex tassigura l-iskrin.

14. Qabbad il-kejbil tal-elettriku mal-port bit-tikketta DC, kif muri fl-immaġni li jmiss.

Kejbil tal-elettriku mdaħħal.

15. Qabbad il-kopertura manjetika ta' wara.

16. Poġġi l-wand fil-benniena.



17. Qabbad il-kejbil tal-wand man-naħa ta' wara tat-touch screen.

18. Qabbad il-kejbil tal-elettriku mal-qiegħ tal-istand bir-roti.



19. Waħħal il-kejbil mal-qiegħ tal-istand bir-roti permezz tal-klippa.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

20. Ippożizzjona l-webcam fuq it-touch screen għal taħriġ remot jew sessjonijiet ta' appoġġ.

21. Qabbad il-webcam mal-port tal-USB mill-qiegħ tat-touch screen.

22. Daħħal il-kejbil tal-elettriku fl-iżbokk tal-enerġija AC u mbagħad agħfas il-buttuna Power biex tixgħel l-iskener.

2.1.2 Biex tarma l-iskener iTero Element 2 – konfigurazzjoni tal-istand tal-counter

Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet t' hawn taħt biex tarma l-iskener iTero Element 2:



1. Daħħal il-lasta fil-qafas.

2. Issikka l-lasta billi tuża spaner Allen.

3. Neħħi l-għata.

4. Ehmeż l-għata l-ġdida.

5. Erfa' t-touch screen biex twaħħlu.

6. Dawwar l-iskener bil-kontra u ssikka l-vit biex tassigura l-iskrin.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

7. Ehmeż l-għata.



8. Qabbad il-kejbil tal-elettriku mal-port bit-tikketta DC.



9. Qabbad il-kejbil tal-wand man-naħa ta' wara tat-touch screen.

10. Ippożizzjona l-webcam fuq it-touch screen għal taħriġ remot jew sessjonijiet ta' appoġġ.

11. Qabbad il-webcam mal-port tal-USB mill-qiegħ tat-touch screen.

12. Daħħal il-kejbil tal-elettriku fl-iżbokk tal-enerġija AC u mbagħad agħfas il-buttuna Power biex tixgħel l-iskener.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2.1.3 Immuntar tal-iskener iTero Element Flex

Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet t' hawn taħt biex tarma l-iskener iTero Element Flex:

A Hub u kejbil tal-elettriku tal-hub

B Benniena

C Wand u kejbil tal-wand

D Kejbil tal-USB biex tqabbad l-laptop u l-hub

1. Poġġi l-wand fil-benniena.

2. Qabbad il-kejbil tal-elettriku tal-hub mal-hub.

3. Qabbad il-kejbil tal-USB mal-hub.

4. Qabbad il-kejbil tal-USB mal-laptop.

5. Qabbad il-kejbil tal-wand mal-hub.

6. Qabbad il-kejbil tal-elettriku tal-hub fil-plakka tal-elettriku AC.

Noti:

- Il-hub għandu jkun imqabbad ma' plakka AC ta' mal-ħajt f'kull ħin
- Il-laptop għandu jkun imqabbad ma’ plakka AC ta' mal-ħajt waqt l-iskenjar intra-orali.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2.2 Installazzjoni tas-softwer iTero - iTero Element Flex

Is-sistemi iTero Element 2 jiġu bis-softwer installat, iżda l-utent irid jinstalla s-softwer fuq is-sistemi iTero Element Flex.

Nota: Qabel ma tinstalla s-softwer iTero fuq is-sistemi Flex, jekk jogħġbok installa l-aġġornamenti kollha disponibbli tal-Windows. Kompjuters ġodda tal-Windows għandhom japplikaw l-aġġornamenti awtomatikament.

Għal installazzjoni u konfigurazzjoni xierqa tas-softwer fuq is-sistema tal-iTero Element Flex tiegħek, jekk jogħġbok assigura dan li ġej:

- Il-wand hija mwaħħla sewwa fil-benniena u mqabbda mal-hub
- Il-hub huwa mqabbad mal-laptop
- Il-laptop huwa mqabbad mal-plakka AC ta' mal-ħajt matul l-proċess sħiħ tal-installazzjoni tas-softwer.

Biex tinstalla s-softwer iTero fuq sistema tal-iTero Element Flex:

1. Installa l-aġġornamenti kollha disponibbli tal-Windows.
   a. Biex tivverifika l-Aġġornamenti tal-Windows, iftaħ it-tieqa *Windows Settings (Issettjar tal-Windows)* (Winkey + I) u ikklikkja **Update & Security (Aġġornamenti u Sigurtà)**
   b. Ikklikkja Aġġornamenti tal-Windows.
   c. Ikklikkja **Check for updates (Iċċekkja għal aġġornamenti)** biex tara jekk hemmx aġġornamenti ġodda disponibbli.
2. Fl-Inbox tal-posta elettronika irreġistrata, fittex il-posta elettronika “L-iTero tiegħek ġie mibgħut”, li tinkludi l-istruzzjonijiet dwar it-tniżżil.
3. Ikklikkja fuq il-link biex taċċessa l-paġna għat-tniżżil tas-softwer jew idħol fuq http://download.itero5D.com.
4. Fuq il-websajt, ikklikkja fuq il-buttuna **Get Started (Ibda)**. Il-fajl **FirstTimeInstaller.exe** se jitniżżel.
5. Ħaddem il-fajl tal-installazzjoni li niżżilt u imxi mal-istruzzjonijiet fuq l-iskrin biex tlesti l-installazzjoni tas-softwer ta' iTero.

   L-iskrin *Welcome (Merħba)* huwa muri. Ipproċedi kif deskritt f'taqsima 2.3, hawn taħt.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2.3 Login fl-iskener għall-ewwel darba

Meta tixgħel l-iskener għall-ewwel darba, l-iskrin ta' *Welcome (Merħba)* huwa muri:



Figura 11: Skrin ta' Merħba

Agħżel il-lingwa meħtieġa u waħda mill-modalitajiet li ġejjin:

- **Modalità Dimostrattiva:** Tippermettilek sabiex tiffamiljarizza ruħek mal-karatteristiċi tal-iskener u twettaq scans ta' prattika mingħajr ma tissottometti l-iscans. Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 2.4.
- **Make It Mine:** Tippermettilek sabiex tirreġistra l-iskener. Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 2.5.

Nota: Jekk tagħżel l-Modalità Dimonstrattiva qabel l-għażla Make It Mine, ser ikollok bżonn titfi u terġa' tixgħel l-iskener sabiex tkun tista' taċċessa l-għażla Make It Mine.

2.4 Xogħol fil-Modalità Dimostrattiva

Il-Modalità Dimostrattiva hija maħsuba għat-taħriġ tal-membri ġodda tal-persunal u biex wieħed jitħarreġ fl-iskenjar. Il-Modalità Dimostrattiva hija disponibbli fi kwalunkwe ħin għad-dentisti sabiex jitħarrġu fuq skener iTero, għal tekniki ta' skenjar, linji gwida dwar il-formoli tar-riċetta, tipi ta' każijiet, u biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-interfaċċja ta' iTero. Il-Modalità Dimostrattiva għandha l-aspetti kollha tal-proċess tal-iskenjar u tinkludi varjetà wiesgħa ta' kampjuni ta' każijiet, bħal każijiet kliniċi, każijiet Invisalign u każijiet ristorattivi.

Meta l-Modalità Dimostrattiva tkun qiegħda tiġi użata għall-iskenjar ta' prattika, sfond bi strixxi rqaq u tikketta ħamra fil-kantuniera tax-xellug ta' fuq jindikaw l-Modalità Dimostrattiva bħalissa qed topera. Il-Modalità Dimostrattiva tista' tiġi aċċessata minn fuq l-iskrin ta' *Welcome (Merħba)* meta tillogja għall-ewwel darba, jew fi kwalunkwe ħin ieħor billi tTaptap fuq il-logo ta' iTero fil-home screen.

Nota: Scans meħudin fil-Modalità Dimostrattiva ma jistgħux jiġu ssevjati jew sottomessi għat-trattament tal-pazjenti.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Biex tidħol fil-Modalità Demo wara li tillogja:

1. Taptap fuq il-logo ta' **iTero Element** fin-naħa ta' fuq tal-iskrin tal-iskener.



Figura 12: Il-logo ta' iTero Element

2. Taptap fuq **Modalità Dimostrattiva**.



Figura 13: L-għażla tal-Modalità Dimostrattiva

It-tieqa tal-*Login* tiġi murija b'tali mod li tħallik tagħżel l-utent dimostrattiv.



Figura 14: It-tieqa tal-Login b'lista ta' utenti dimostrattivi

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Biex tara l-każijiet ristrotattivi, agħżel l-utent **Dr. Demo, iTero** mil-lista li tinżel **Doctor Name (Isem it-Tabib)**.



Figura 15: Il-buttuna tal-Login għad-dimostrazzjoni

4. Taptap fuq **Demo Login**.

   Il-home screen tal-Modalità Dimostrattiva huwa muri, bil-**Modalità Demo** murija fuq in-naħa tax-xellug ta' fuq tat-tieqa.



Figura 16: Il-home screen tal-Modalità Dimostrattiva

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5. Biex tara l-każijiet dimostrattivi, taptap fuq **Orders (Ordnijiet)** biex tara l-lista ta' ordnijiet li bħalissa jinsabu għaddejjin u kif ukoll lista ta' orjnijiet tal-passat.



Figura 17: Il-każijiet dimostrattivi murija fil-lista tal-ordnijiet tal-passat

6. Taptap fuq il-każ dimostrattiv meħtieġ.

   Il-każ magħżul jitkabbar biex juri l-għażliet li ġejjin:



Figura 18: Il-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat - għażliet

Għal aktar informazzjoni dwar kif taħdem bl-ordnijiet, ara taqsima 6.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2.4.1 Ħruġ mill-Modalità Dimostrattiva

Biex toħroġ mill-modalità Dimostrattiva:

- Taptap fuq il-logo tal-iTero Element u mbagħad taptap **Exit Demo (Oħroġ mid-Dimostrazzjoni)** biex toħroġ mill-modalità dimostrattiva.



Figura 19: Ħruġ mill-modalità Dimostrattiva

2.5 Reġistrazzjoni tal-iskener - il-proċess Make It Mine

Meta tirreġistra l-iskener, se jkollok bżonn dan li ġej biex tlesti l-proċess ta' reġistrazzjoni:

- Isem l-Utent
- Password tal-Utent
- ID tal-Kumpanija

Inti se tirċievi ittra elektronika mingħand rappreżentant ta' iTero bil-kredenzjali tal-login u informazzjoni ddettaljata dwar kif għandek tipproċedi bil-proċess **Make It Mine**.

Nota: Jekk dħalt fil-Modalità Dimostrattiva mill-paġna tal-*Welcome (Merħba)* qabel ma tkun irreġistrajt l-iskener, ser ikollok bżonn titfi u terġa' tixgħel l-iskener sabiex taċċessa l-għażla **Make It Mine**.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Biex tirreġistra l-iskener:

1. Agħżel il-lingwa meħtieġa.
2. Taptap fuq **Make It Mine**.

   Il-paġna*Connect (Aqbad)* hi murija.



Figura 20: L-għażla tan-netwerk

3. Agħżel il-konnessjoni tan-netwerk meħtieġa u mbagħad taptap fuq **Next (Li Jmiss)**.

   Il-komunikazzjoni ma' Align hija verifikata.

Figura 21: Verifika tal-komunikazzjoni ma' Align

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Meta l-verifika tkun lesta, taptap fuq **Next (Li Jmiss)**.

   Il-paġna tat--*Time Zone (Żona tal-Ħin)* hija murija.



Figura 22: Biex tagħżel iż-żona tal-ħin tiegħek

5. Tatap fuq **Next (Li Jmiss)** jekk iż-żona tal-ħin awtomatika hija korretta jew agħżel iż-żona tal-ħin tiegħek mil-lista li tinżel u mbagħad agħfas **Apply (Applika)**.

   Il-paġna ta' *Register System (Irreġistra s-Sistema)* hija murija.



Figura 23: Ir-reġistrazzjoni tas-sistema biex tippersonalizza s-setup

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

6. Daħħal l-indirizz elettroniku, il-password, u l-ID tal-kumpanija fl-oqsma pprovduti, u mbagħad taptap **Register (Irreġistra)**.

   Il-paġna tal-*Konfigurazzjoni tal-Iskener* hija murija, u turi l-pakkett tal-abbonament ta' iTero tiegħek.



Figura 24: Il-pakkett ta' abbonament ta' iTero

7. Taptap **Next (Li Jmiss)**.

   Il-paġna tal-*Ftehim tal-Liċenzja* hija murija.



Figura 25: Il-ftehim tal-liċenzja

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

8. Wara li tirrevedi l-ftehim tal-liċenzja, agħżel iċ-checkbox biex taċċetta t-termini tal-ftehim u mbagħad taptap **Next (Li Jmiss)**.

   Is-sistema tiċċekkja jekk hemmx xi aġġornament u ser tiġi aġġornata għall-aħħar verżjoni, jekk din tkun rilevanti.



Figura 26: Verifika għal aġġornamenti

9. Taptap **Next (Li Jmiss)**.

   Is-sistema ġiet irreġistrata u tinsab lesta.

Figura 27: Sistema hija rreġistrata u lesta

10. Taptap fuq **Login to iTero Element (Idħol fuq iTero Element)** sabiex tidħol fis-sistema, kif deskritt fit-taqsima li ġejja.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3 Kif taħdem bl-iskener iTero Element 2 u iTero Element Flex

3.1 Idħol fl-iskener

Meta l-iskener jinxtegħel, se tidher it-tieqa tal-*Login*.



Figura 28: Tieqa tal-login

Kun ċert/a li għandek l-informazzjoni tal-kont MyAligntech tiegħek disponibbli meta tidħol fl-iskener ta' iTero. Se jkollok bżonn ismek, l-indirizz elettroniku tal-kont, u l-password. Imla l-oqsma kollha meħtieġa u mbagħad taptap fuq il-buttuna **Login**.

Biex tidħol fl-iskener:

1. Agħżel il-isem tl-utent tiegħek mil-lista li tinżel ta' **Doctor Name (Isem it-Tabib)**.
2. Daħħal l-indirizz elettroniku li użajt meta rreġistrajt ma' myaligntech.com. L-indirizz elettroniku tiegħek se jintwera awtomatikament jekk tkun għażilt iċ-checkbox **Remember Me (Ftakarni)** fis-sessjoni ta' dħul preċedenti.
3. Daħħal il-password tiegħek. Jekk insejt il-password, tista' tirrisettjaha, kif deskritt f'taqsima 3.1.1.
4. Agħżel iċ-checkbox **Remember Me (Ftakarni)** sabiex is-sistema tiftakar l-indirizz elettroniku tiegħek fis-sessjonijiet ġejjiena. Xorta se jkollok bżonn iddaħħal il-password tiegħek biex taċċessa l-iskener.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5. Ikklikkja **Login**.
   Il-home screen ta' iTero hu muri.



Figura 29: il-home screen ta' iTero

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.1.1 Biex tirrisettja l-password tiegħek

Tista' tirrisettja l-password tiegħek, jekk meħtieġ.

Sabiex tirrisettja l-password tiegħek:

1. Fit-tieqa tal-*Login*, taptap **Forgot Password (Insejt il-Password)**.



Figura 30: Il-buttuna insejt il-Password

Se tidher tieqa li se tiddeskrivi x' inhuma l-passi li jmiss li għandek tieħu.



Figura 31: Il-qasam għall-indirizz elettroniku għall-password minsija

2. Fil-qasam tal-**Email**, daħħal l-indirizz elettroniku li użajt biex irreġistrajt ma' myaligntech.com.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Ikklikkja **Submit (Issottometti)**.

   Il-mistoqsija ta' sigurtà tiegħek li ddeterminajt minn qabel se tintwera.



Figura 32: Il-kamp tat-tweġiba tas-sigurtà

4. Daħħal it-tweġiba għall-mistoqsija tas-sigurtà tiegħek.

   Se tintbagħatlek password temporanja.

5. Uża l-password temporanja biex tidħol fuq myaligntech.com u mbagħad irrisettja l-password tiegħek.
6. Jekk ma tafx l-indirizz eletteroniku li rreġistrajt bih, ikkuntattja lill-Appoġġ għall-Klijenti ta’ iTero.

3.2 Ħruġ mill-iskener

Sabiex tipproteġi l-informazzjoni tal-pazjenti tiegħek, inti għandek toħroġ mill-iskener meta ma jkunx qed jintuża.

Inti se tiġi moħruġ 'l barra mill-iskener b'mod awtomatiku wara perjodu ta' inattività definit minn qabel, li jista' jiġi definit fl-issettjar tad-dħul, deskritt f'taqsima 3.6.3.1.

Biex toħroġ mill-iskener:

1. Taptap biex terġa' lura għall-home screen.
2. Taptap biex toħroġ mis-sistema.

   It-tieqa tal-*Login* tiġi murija u tkun lesta għall-utent li jmiss biex jidħol fis-sistema.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.3 Biex titfi l-iskener

Huwa rakkomandat li titfi s-sistema fit-tmiem ta' kull jum sabiex tippermetti li jiġu installati l-aġġornamenti tas-softwer.

Biex titfi l-iskener:

1. Agħlaq il-fajls u l-applikazzjonijiet kollha.
2. Agħfas u itlaq il-buttuna tat-tqabbid li tinsab fin-naħa t' isfel tal-lemin tal-iskrin sabiex titfi s-sistema.

   Twissija: Jekk iżżomm il-buttuna għal aktar minn 4 sekondi dan jattiva hard reset, li tista' tikkawża problemi bħal skrins griżi u blu.

3.4 Ċaqliq tal-iskener fi ħdan l-uffiċċju

L-iskener tal-iTero Element 2 jista' jiċċaqlaq fi ħdan l-uffiċċju.

Biex tmexxi l-iskener:

1. Żgura li l-wand hija mqiegħda tajjeb fil-benniena.
2. Aqla' l-plakka tas-sistema minn mal-ħajt.
3. Poġġi s-sistema fil-post il-ġdid tagħha u qabbadha mal-plakka ta' mal-ħajt.

3.5 Interfaċċja tal-utent

Is-softwer ta' iTero jipprovdi interfaċċja tal-utent intuwittiva biex iwettaq scans diġitali għal użu Restorattiv jew Ortodontiku. Il-buttuni tat-touchscreen u l-wand huma użati sabiex jirrispondu għall-istruzzjonijiet tal-iskrin matul il-proċess tal-iskenjar.

Għal-lista tal-ġesti tat-touch-screen li jistgħu jintużaw, ara taqsima 3.5.2.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



Figura 33: il-homescreen ta' iTero

Il-buttuni li ġejjin huma murija fuq il-home screen:

Battery (Batterija): Taptap biex tara kemm il-batterija esterna ta' iTero fadlilha ċarġ.

Se jidher indikatur tal-batterija, li juri l-persentaġġ ta' ċarġ li fadal fil-batterija. Meta l-ikona tal-batterija turi simbolu ta' sajjetta, il-batterija tkun qiegħda tiċċarġja.



Figura 34: Kemm fadal enerġija fil-batterija

Ċentru ta' Tagħlim: Tektek biex taċċessa materjal ta' taħriġ u vidjows edukattivi għall-iskener ta' iTero tiegħek.

Lock (Illokkja): Taptap biex toħroġ mill-kont tiegħek kull meta l-iskaner ma jkunx qed jintuża, kif deskritt f'taqsima 3.2. Dan jgħin biex tiġi żgurata li l-prattika dentali jikkonformi mal-HIPAA u li l-informazzjoni medika kollha tkun sigura.

Parir: Għandek tillokkja s-sistema waqt li tkun qed tnaddafha, sabiex tevita daħliet mhux intenzjonati.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Settings: Taptap biex taġġusta l-preferenzi għall-iskener tiegħek, pereżempju, għall-konfigurazzjoni tal-wand, lokalizzazzjoni, issettjar tal-utent, u oħrajn.

Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 3.6.

Help (Għajnuna): Taptap biex turi overlay traslużenti tal-Għajnuna b'pariri biex jgħinuk tinnaviga fil-karatterisitiċi u l-għodda.



Figura 35: Overlay tal-għajnuna

f'din id-dehra, il-buttuna tinbidel għal . Taptap il-buttuna għall-assistenza remota mill-Appoġġ għall-Klijenti. L-Appoġġ għall-Klijenti huwa disponibbli f'kull overlay ta' Għajnuna

Nota: Jekk jogħġbok ċempel lill-Appoġġ lill-Klijenti qabel ma tipprova taqbad b'mod remot.

Taptap fejn trid sabiex tagħlaq l-overlay tal-Għajnuna u tmur lura għall-iskrin rilevanti.



Scan Ġdida: Taptap biex tiftaħ it-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* sabiex timla l-Rx qabel ma tibda scan ġdida.

Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 4.



Pazjenti: Taptap biex tara l-paġna tal-*Patients (Pazjenti)*bil-lista tal-pazjenti kollha tiegħek, in-numru taċ-ċart tagħhom, u d-data ta' meta saret l-aħħar scan.

Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 5.



Ordnijiet: Taptap biex tara l-lista tal-ordnijiet kollha tiegħek.

Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 6.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



Messaġġi: Taptap biex tara l-messaġġi tiegħek mingħand Align Technology.

Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 7.

Il-buttuni tal-**Battery (Batterija)** u tas-**Settings** huma murija wkoll fuq kull twieqa tal-iskener, kif deskritt f'taqsima 3.5.1.

3.5.1 Toolbar tal-iskener

It-toolbar li ġejja hija murija fuq in-naħa ta' fuq ta' kull waħda mit-twieqi tal-iskener:

L-erba' buttuni tan-nofs jindikaw l-istat attwali tal-proċess tal-iscan.

Taptap biex terġa' lura għall-home screen.

New Scan

Turi l-istadju attwali fil-proċess tal-iskenjar, indikat ukoll bil-buttuna enfasizzata rilevanti fit-toolbar.

Taptap biex terġa' lura għat-tieqa *Scan Ġdida* biex tara l-Rx, kif deskritt f'taqsima 4.1.

Taptap biex timxi għall-modalità Scan sabiex tiskenja l-pazjent, kif deskritt f'taqsima 4.2.

Taptap biex timxi għall-modalità View biex tara l-mudell skenjat, kif deskritt f'taqsima 4.3.

Taptap biex tibgħat il-mudell skenjat lill-laboratorju, kif deskritt f'taqsima 4.4.

Taptap biex tara kemm il-batterija esterna ta' iTero fadlilha ċarġ.

Se jidher indikatur tal-batterija, li juri l-persentaġġ ta' ċarġ li fadal fil-batterija. Meta l-ikona tal-batterija turi simbolu ta' sajjetta, il-batterija tkun qiegħda tiċċarġja.



Figura 36: Kemm fadal enerġija fil-batterija

Taptap biex taġġusta l-preferenzi tal-iskener iTero tiegħek, pereżempju, għall-konfigurazzjoni tal-wand, lokalizzazzjoni, issettjar tal-utent, u oħrajn.

Għal aktar informazzjoni dwar il-preferenzi tal-issettjar, ara taqsima 3.6.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Taptap biex turi overlay traslućenti tal-Għajnuna b'pariri sabiex jgħinuk tinnaviga l-karatterisitiċi u l-għodda.



Figura 37: Overlay tal-għajnuna

f'din id-dehra, il-buttuna tinbidel għal . Taptap il-buttuna għall-assistenza remota mill-Appoġġ għall-Klijenti. L-Appoġġ għall-Klijenti huwa disponibbli f'kull overlay ta' Għajnuna

Taptap kullimkien biex tagħlaq l-iskrin tal-Għajnuna u tmur lura għall-iskrin rilevanti.

3.5.2 Ġesti tat-touch screen

Is-softwer iTero jappoġġja ġesti tat-touch-screen (magħrufa wkoll bħala multi-touch). Dawn il-ġesti huma movimenti definiti minn qabel u huma użati sabiex jinteraġixxu ma' apparati multi-touch.

Eżempji ta’ ġesti tat-touch screen komuni:

Taptap

Taptap darbtejn

Agħfas għal perjodu twil

Iskrollja

Dawwar

Aqleb

Pan

Ċekken

Kabbar

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6 Deskrizzjoni tal-issettjar tal-iskener

L-issettjar tal-iskener jippermettulek sabiex tiddefinixxi l-preferenzi tiegħek u l-issettjar li huma awtomatikament murija meta tuża l-iskener.

Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-iskener:

1. Ikklikkja l- buttuna.

   It-tieqa tas-*Settings* hija murija.



Figura 38: Tieqa tal-issettjar

2. Taptap l-issettjar li tixtieq tiddefinixxi.
   - Issettjar tal-kompjuter, deskritti f'taqsima 3.6.1
   - Issettjar tal-utent, definiti f'taqsima 3.6.2
   - Issettjar tas-sistema, definiti f'taqsima 3.6.3

   It-tieqa rilevanti tinfetaħ.

3. Agħmel il-bidliet tiegħek u mbagħad taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.1 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-Kompjuter

L-issettjar tal-Kompjuter jippermettulek tistabilixxi l-luminożità, il-volum, il-Wi-Fi, u l-issettjar taż-żona tal-ħin għall-iskener.

3.6.1.1 Biex tiddefinixxi l-issettjar awtomatiku tal-luminożità

Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-luminożità awtomatika, taptap fuq il-buttuna **Brightness (Luminożità)**, mexxi l-lieva lejn il-livell ta' luminożità meħtieġa, u mbagħad Taptap biex tissejvja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.



Figura 39: Issettjar tal-luminożità

3.6.1.2 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-volum awtomatiku

Biex tiddefinixxi l-volum awtomatiku tas-sistema, taptap il-buttuna **Volume (Volum)**, mexxi l-islider għal-livell tal-volum meħtieġ, u mbagħad taptap biex tissejvja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.



Figura 40: Issettjar tal-volum

Minbarra l-ħsejjes tas-sistema, l-issettjar tal-volum jiddefinixxu l-volum għall-kontenut miċ-Ċentru tat-Tagħlim .

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.1.3 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-Wi-Fi

L-ewwel darba li tqabbad l-iskener tiegħek man-netwerk tal-Wi-Fi tal-klinika, se jkollok bżonn iżżid il-password tiegħek. Minn hemm 'l quddiem, l-iskener jibda jaqbad b'mod awtomatiku.

Biex taqbad man-netwerk tal-Wi-Fi:

1. Taptap l-buttuna tal-**Wifi**.

   Hawn tidher lista ta' netwerks tal-Wi-Fi fil-qrib.



Figura 41: Il-lista tan-netwerks tal-Wi-Fi fil-qrib

2. Agħżel in-netwerk tal-klinika tiegħek u agħfas fuq **Connect (Qabbad)**.
3. Daħħal il-password tan-netwerl fit-tieqa li tinfetaħ u mbagħad agħfas **Connect (Qabbad)**.



Figura 42: Konnessjoni man-netwerk tal-Wi-Fi tal-klinika

L-iskener se jaqbad man-netwerk tal-Wi-Fi, u l-istatus jinbidel għal **Connected (Konness)**.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Jekk ma tridx taqbad man-netwerk b'mod awtomatiku, taptap n-netwerk li tkun imqabbad miegħu u mbagħad Taptap **Insa**.

   Id-darba li tmiss li tkun tixtieq taqbad man-netwerk tal-Wi-Fi se jkollok bżonn tagħżel in-netwerk li tixtieq taqbad miegħu u ddaħħal il-password tal-Wi-Fi.



Figura 43: Biex tinsa jew tiskonnettja minn man-netwerk

5. Biex tiskonnettja minn man-netwerk, agħfas fuq **Disconnect (Skonnettja)**.

6. Taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tal- *Issettjar*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.1.4 Biex tistabilixxi ż-żona tal-ħin tiegħek

Biex tiddefinixxi ż-żona tal-ħin tiegħek, taptap fuq il-buttuna **Time Zone (Żona tal-Ħin)**, agħżel iż-żona tal-ħin tiegħek mil-lista li tinżel, u mbagħad taptap biex tissejvja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tal-*Issettjar*.



Figura 44: Issettjar taż-żona tal-ħin

Nota: L-issettjar taż-żona tal-ħin jistgħu jiġu aċċessati biss meta tkun illoggjat mal-iskener.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.2 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-Utent

L-issettjar tal-Utent jippermettulek sabiex tiddefinixxi l-issettjar li huma murija b'mod awtomatiku meta utent partikolari jidħol fl-iskener.

3.6.2.1 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-iscan

Tista' tiddefinixxi l-issettjar tal-iscan li jiġu kkunsidrati meta pazjent ikun qiegħed jiġi skenjat.

Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-iscan:

1. Taptap fuq il-buttuna **Scan Settings (Issettjar tal-iScan)**.



Figura 45: Tieqa tal-issettjar tal-iscan

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2. Agħżel il-preferenzi tal-iskenjar awtomatiċi tiegħek mit-tieqa tas-*Scan Settings (Issettjar tal-iScan)*.

Issettjar tal-iscan	Għażliet tal-iscan
Il-Pożizzjoni tal-Iskenjar	Agħżel il-pożizzjoni tiegħek filwaqt li tkun qiegħed tiskenja l-pazjent: • Wara l-pazjent • Quddiem il-pazjent
L-Orjentazzjoni tal-ġiroskopju	Agħżel l-orjentazzjoni awtomatika tal-ġiroskopju: • It-Tarf tal-Wand Lejn l-Iskrin • Il-Bażi tal-Wand Lejn l-Iskrin
Orjentazzjoni tat-Touchpad	Agħżel l-orjentazzjoni awtomatika tat-touchpad: • It-Tarf tal-Wand Lejn l-Iskrin • Il-Bażi tal-Wand Lejn l-Iskrin
Checkbox tal-**Viewfinder tal-Mera tax-Xedaq ta' Fuq**	Agħżel din iċ-checkbox biex tiddefinixxi l-orjentazzjoni tal-viewfinder meta tiskenja x-xedaq ta’ fuq.
Iċ-check box **Uri l-kulur waqt li l-iskenjar**	Agħżel din iċ-checkbox biex tiskenja bil-kulur, b'mod awtomatiku.
Ordni tal-iScan	Agħżel l-ordni li biha se jiġi skenjat ix-xedaq: • Ix-Xedaq ta' Fuq l-Ewwel • Ix-xedaq ta' Taħt l-Ewwel
L-Ordni tar-Restawr tax-Xedaq	Agħżel l-ordni li biha se jiġi skenjat ix-xedaq għal tipi ta' każijiet ristorattivi: • Ix-Xedaq Oppost l-Ewwel • Ix-Xedaq l-Ippreparat l-Ewwel
Ordni tal-Preparazzjoni ristorattivi	Agħżel l-ordni li biha se jiġu skenjati s-snien ippreparati u l-arkati fit-tipi ta' każijiet ristorattivi: • Il-Preparazzjoni l-Ewwel • L-Arkata l-Ewwel • Ebda Gwida
Awtorizza ċ-checkbox tal-pariri ta' gwida	Agħżel din iċ-checkbox biex turi l-gwida waqt li tkun qed tiskenja, kif deskritt f'taqsima4.2.1.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Issettjar tal-iscan	Għażliet tal-iscan
Enfasizza ċ-checkbox tal-medda ta' skenjar rakkomandata	Agħżel din iċ-checkbox biex tenfasizza biss il-medda tal-iskenjar fuq il-kontrolli tan-navigazzjoni.  **Figura 46: Il-firxa tal-iskenjar biss hija enfasizzata**
Rispons ta' Scan Addizzjonali	Agħżel iċ-checkboxes rilevanti biex turi ż-żoni nieqsa tal-anatomija waqt l-iskenjar, kif deskritt f'taqsima 4.2.3.1. • Ortodontiċi • Ristorattivi

3. Taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tal-*Issettjar*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.2.2 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-iscan

Tista' tiddefinixxi l-issettjar li huma murija b'mod awtomatiku meta tiftaħ it-tieqa *Scan Details (Dettalji tal-iScan)* biex timla Rx ġdida.

Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-iscan:

1. Taptap fuq il-buttuna **Issettjar tal-Rx (Settings tal-Rx)**.



Figura 47: Tieqa tal-issettjar tal-RX

2. Agħżel il-preferenzi tal-Rx awtomatiċi tiegħek mit-tieqa *Rx Settings (Issettjar tal-Rx)*.

Issettjar tal-Rx	Għażliet tal-RX
ID tas-Sinna	Agħżel is-sistema awtomatika tal-ID tas-Sinna: • FDI • ADA • Kwadrant
Sistema tal-Isfumaturi	Agħżel is-sistema awtomatika tal-isfumaturi: • VITA Lumin • VITApan 3D Master • Oħrajn

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Issettjar tal-Rx	Għażliet tal-RX
Tip ta' Każ	Agħżel it-tip ta' każ awtomatiku: • Ebda Każ Prestabbilit • Invisalign • iCast • iRecord • Thin Chairside • Invisalign + iRecord • Vivera • Vivera Pre-Debond • Ristorattivi **Nota:** Il-lista tal-għażliet disponibbli tinbidel skont il-pakkett tal-abbonament tiegħek.

3. Taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.

3.6.2.3 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-firma

Tista' tiddefinixxi l-issettjar awtomatiċi li jintwerew meta tintbagħat ordni lil-laboratorju.

Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-firem:

1. Taptap fuq il-buttuna tas-**Signature Settings (Issettjar tal-Firma)**.

Figura 48: It-tieqa tal-Issettjar tal-Firma

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2. Iddefinixxi l-issettjar awtomatiċi tal-firma tiegħek.

Issettjar tal-firma	Għażliet tal-firma
Liċenzja	Żid in-numru tal-liċenzja tiegħek.
Firma	Żid il-firma tiegħek.
Użu tal-Firma	Agħżel waħda minn din l-għażla tal-firem li ġejjin: • Iffirma darba u ssejvjaha biex tużaha ma' kull Rx • Tissevjax il-firma tiegħi (meħtieġa firma għal kull Rx) • Itfi din il-funzjoni (għal dan l-utent biss)

3. Taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.

3.6.2.4 Biex tiddefinixxi l-issettjar tal-lingwa

Taptap il-buttuna **Language (Lingwa)**, agħżel il-lingwa li għandek bżonn int mil-lista li tinżel, u mbagħad taptap fuq biex tissejvja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings (Issettjar)*.



Figura 49: Tieqa tal-Issettjar tal-Lingwa

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.3 Biex tiddefinixxi l-issettjar tas-Sistema

L-Issettjar tas-Sistema jippermettulek tissettja l-issettjar tad-dħul, tesegwixxi d-dijanjostika, tara l-liċenzji, tara l-informazzjoni tas-sistema, tissinkronizza l-konfigurazzjoni u tiddefinixxi l-issettjar tal-esportazzjoni.

3.6.3.1 Biex tiddefinixxi l-issettjar tad-dħul

Sabiex tikkonforma mar-regolamenti tal-privatezza u s-sigurtà, inti tinħareġ barra mill-iskener wara perjodu ta' inattività, definit minn qabel. Dan il-ħin huwa ssettjat b'mod awtomatiku għal 4 sigħat, imma tista' tibdlu jekk dan ikun meħtieġ.

Biex tiddefinixxi l-perjodu ta' inattività:

1. Agħfas il-buttuna **Login Settings (Issettjar tad-Dħul).**

   It-tieqa tal-*Login Settings (Issettjar tad-Dħul)* hija murija.



Figura 50: It-tieqa tal-issettjar tad-dħul

2. Agħżel il-perjodu ta' inattività wara liem l-utent jinħareġ 'l barra mill-iskener. (Ħin minimu: 10 minuti, ħin Massimu: 10 sigħat)
3. Agħżel iċ-checkbox **Żomm il-login attiv waqt li s-sistema tintefa u terġa' tinxtegħel** sabiex is-sistema tiftakar il-password tal-utent f'kas li s-sistema tintefa u terġa' tixgħel qabel ma jilħaq jiskadi l-perjodu ta' inattività għal-logout.
4. Taptap biex tissevja l-bidliet tiegħek u terġa' lura għat-tieqa tas-*Settings*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.3.2 Eżekuzzjoni tad-dijanjostika

Taptap il-buttuna tad-**Diagnostics (Dijanjostiċi)** sabiex tiċċekkja l-konnessjoni tan-netwerk u l-veloċità tiegħu.

Sabiex tesegwixxi d-dijanjostiċi tas-sistema:

1. Taptap il-buttuna tad-**Diagnostics (Dijanjostiċi)**.

   Il-konnessjoni tan-netwerk u l-veloċità huma ċċekkjati.



Figura 51: Tieqa tad-Dijanjostiċi

2. Taptap fuq biex tmur lura għat-tieqa *tas*-Settings.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.3.3 Liċenzji

Taptap fuq il-buttuna **Licences (Liċenzji)** sabiex tara lista ta' komponenti tas-softwer ta' partijiet terzi installati fuq l-iskener u mbagħad taptap biex tmur lura għat-tieqa tas-*Settings*.

Figura 52: It-Tieqa tal-Informazzjoni dwar il-Liċenzji

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.3.4 Informazzjoni dwar is-sistema

Taptap il-buttuna tal-**Informazzjoni tas-Sistema** sabiex tara d-dettalji tal-verżjonijiet tas-softwer li huma installati bħalissa u n-numri u l-ID tas-serje tal-ħardwer, u mbagħad Taptap biex tmur lura għat-tieqa tas-*Settings*.



Figura 53: It-tieqa tal-Informazzjoni tas-Sistema

3.6.3.5 Konfigurazzjoni tas-sinkronizzazzjoni

Taptap il-buttuna tal-**Sync Configuration (Konfigurazzjoni tas-Sinkronizzazzjoni)** sabiex tissinkronizza kwalunkwe aġġornamenti ġodda mingħand is-server, pereżempju, għażliet ta' softwer ġodda.

Taptap sabiex tmur lura għat-tieqa tas-*Settings*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3.6.3.6 Settings tal-Esportazzjoni

Tista' tiddefinixxi għal kemm żmien il-fajls esportati għandhom jinżammu qabel ma jiġu mħassra. Barra minn hekk, tista' tara l-indirizz tan-netwerk lokali tal-fajls esportati, b'ittri fil-grassett (li jibdew b'"\\"). Dan l-indirizz huwa aċċessibbli minn kwalunkwe kompjuter mqabbad man-netwerk lokali.

Nota: Jekk meħtieġ, tista' tesporta l-fajls fi kwalunkwe ħin minn fuq MyiTero.

Biex teditja l-issettjar tal-esportazzjoni:

1. Taptap fuq il-buttuna **Export Settings (Issettjar tal-Esportazzjoni)**.
2. Agħżel in-numru ta' jiem wara liem il-fajls esportati għandom jiġu mħassra. Dan huwa stabbilit għal 30 jum b'mod awtomatiku.



Figura 54: It-tieqa tal-Issettjar tal-Esportazzjoni – tħassir tal-fajls esportati

3. Jekk meħtieġ, agħfas **Clear Export Data Now (Ħassar d-Data Esportata Issa)** biex tħassar il-fajls esportati immedjatament.
4. Taptap biex tmur lura għat-tieqa tas-*Settings*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4 Sabiex tibda scan ġdida

Taptap il-buttuna **New Scan (Scan Ġdida)** biex tibda l-proċess tal-iskenjar.



It-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* hija murija, kif ukoll toolbar li turi l-progress tal-proċess tiegħek.



Figura 55: It-tieqa tal-iScan Ġdida li turi Rx vojta u t-toolbar tal-progress fil-parti ta' fuq tat-tieqa

Il-proċess tal-iskenjar jirrikjedi l-passi li ġejjin, li huma murija fuq it-toolbar:

Il-mili tal-Rx, deskritt f'taqsima 4.1

Skenjar tal-pazjent, deskritt f'taqsima 4.2

Sabiex tara l-iscan, deskritta f'taqsima 4.3

Kif tibgħat l-iscan lil-laboratorju, deskritt f'taqsima 4.4

Il-progress attwali tiegħek huwa enfasizzat fuq it-toolbar.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.1 Mili tal-Rx

L-ewwel pass fil-proċess tal-iskenjar huwa li timla l-Rx (riċetta). It-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* tħallik iddaħħal id-dettalji tal-pazjent, kif ukoll id-dettalji dwar it-tip tal-każ. L-oqsma immarkati b'asterisk aħmar huma obbligatorji.

Wara li tkun imlejt l-Rx, tista' tagħfas sabiex timxi għall-modalità Scan u tiskenja lill-pazjent, kif deskritt f'taqsima 4.2.

Biex timla l-Rx:

1. Daħħal isem u kunjom il-pazjent fl-oqsma pprovduti.
2. Mil-lista li tinżel **Case Type (Tip ta' Każ)**, agħżel it-tip ta' każ meħtieġ.

   Nota: Il-lista tat-tipi ta' każijiet murija tiddependi mill-pakkett tal-abbonament tiegħek.



Figura 56: Għażla tat-tip ta' każ meħtieġ

It-tipi ta' każijiet li ġejjin huma disponibbli b'mod awtomatiku, skont jekk għandekx pakkett ta' abbonament Ristorattiv jew Ortodontiku:

- **Chair Side Milling (Tħin Chairside):** Scan ta' restawr mingħajr il-bżonn li l-iscan tintbagħat lil-laboratorju għall-immudellar u tħin.
- **iRecord:** Scan sempliċi mingħajr l-ebda modifika addizzjonali, użata prinċipalment bħala referenza u minflok ma jinħażen il-mudell tal-ġibs, kif titlob il-liġi. (Dan it-tip ta' każ jista' jinbidel aktar tard għal iCast jew Invisalign, jekk ikun meħtieġ.)
- **iCast:** L-istess bħall-iRecord, iżda turi l-mudell ABO u pass ta' mmudellar li jista' jħassar d-dejta mhux użata u jaġġusta l-gidma jekk ikun meħtieġ. (Dan it-tip ta' każ jista' jiġi mibdul aktar tard għal Invisalign, jekk meħtieġ.)
- **Invisalign:** L-iscan bażika għat-trattament Invisalign. Il-mudell għandu jkun skenjat mingħajr ma jkun hemm ebda toqod sabiex jiġi assigurat li l-allinjanti jaqblu perfettament ma' snien il-pazjent.
- **Vivera:** Scan sempliċi mingħajr ebda modifika addizzjonali għall-ħolqien ta' retainer ċar li huwa simili għal allinjatur Invisalign wieħed, li jżomm is-snien f'posthom wara t-trattament.
- **Vivera Pre-Debond:** Scan użuat fuq il-pazjenti waqt li l-brackets tagħhom ikunu għadhom imwaħħlin. Ir-retainers ta' Vivera mbagħad jiġu pprovduti fl-appuntament fejn jinħelsu s-snien.
- **Invisalign + iRecord:** Jirrekordja l-fajl (iRecord) u jtella' l-iscan Invisalign fil-portal tal-IDS. Jissevja żewġ skans differenti, kif jista' jiġi mitlub għal skopijiet ta' rimborż tal-assigurazzjoni.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

- **Ristorattiva:** Scan li għandek bżonn tibgħatha ġewwa laboratorju għal immudellar jew tħin.
  - Imkabbar - jiġu skenjati 6 sinniet
  - Kwadrant - jiġu skenjati minn 4 sa 6 sinniet għal kuruna waħda
  - Arkata sħiħa - jiġu skenjati s-snien kollha
  - Referenza – ebda sinna ppreparata jew restawrata ma ġiet magħżula

It-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* hija murija, skont it-tip ta' każ magħżul.



Figura 57: It-Tieqa ta' Scan Ġdida - it-tip ta' każ ta' iRecord

3. Imla d-dettalji rilevanti skont it-tip ta' każ li ġie magħżul.
   - Tipi ta' każijiet**Ristorattivi** u ta' **Tħin Chairside**, ara taqsima 4.1.1.
   - **iCast**: Agħżel iċ-checkbox **Brackets Present (Brackets Preżenti)** jekk hemm brackets preżenti fuq snien il-pazjent.
   - **iRecord:**
     - Agħżel iċ-checkbox **Brackets Present (Brackets Preżenti)** jekk hemm brackets preżenti fuq snien il-pazjent.
     - Agħżel iċ-checkbox **Multi-Bite** jekk hija meħtieġa scan b'aktar minn gidma waħda. Din tippermettilek sabiex tippreserva r-relazzjoni ta' 2-gidmiet bbażata fuq il-bżonnijiet tiegħek, u twassal informazzjoni preċiża fuq il-gidma fil-laboratorju għall-fabbrikazzjoni, pereżempju, ta' apparat għall-apnea notturna.

     Jekk il-pakkett tal-abbonament tiegħek jinkludi l-għażla **Final Records (Rekords Finali)**, inti tkun kapaċi tagħżel l-istadju tat-trattament. Għal aktar informazzjoni, irreferi għad-dokumentazzjoni ta' Invisalign.
4. Jekk rilevanti, mil-lista li tinżel ta' **Send To (Ibgħat Lil)**, agħżel il-laboratorju lil min għandha tintbagħat l-iscan.
5. Taptap fuq it-toolbar sabiex timxi għall-modalità Scan, kif deskritt f'taqsima 4.2.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.1.1 Ħidma fuq tipi ta' scans ristorattivi

Meta tagħżel tipi ta' każijiet ristorattivi, trid tagħżel is-sinna li teħtieġ li tiġi restawrata, it-tip ristorattivi meħtieġ, kif ukoll il-materjal, l-isfumatura tar-restawr u l-bqija.

Biex tiskenja każ ristorattivi jew tħin chairside.

1. Mil-lista li tinżel **Case Type (Tip ta' Każ)**, agħżel **Restorative (Ristorattiv)**.

   Tabella tas-snien hija murija fit-tieqa.



Figura 58: It-Tieqa ta' Scan Ġdida – Tip ta' każ ristorattivi b'ċart tas-snien

2. Agħżel iċ-checkbox **Pre-Treatment Scan (Scan ta' Qabel it-Trattament)** jekk tixtieq tiskenja l-pazjent qabel tipprepara s-sinna rilevanti. F'dan il-każ, il-pazjent irid jiġi skenjat darbtejn – qabel u wara li s-sinna tkun ġiet ippreparata.

   L-iscan ta' qabel it-trattament jippermetti lil-laboratorju li jikkopja l-anatomija oriġinali għar-restawr il-ġdid.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Fiċ-ċart tas-snien, taptap fuq is-sinna li se tiġi restawrata.
   Għandha tintwera lista ta' għażliet tat-trattamenti disponibbli għas-sinna magħżula.



Figura 59: Lista ta' għażliet għal trattament ristorattiv

Il-lista ta' għażliet ta' trattament hija l-istess għas-snien kollha, ħlief għal dawn li ġejjin:

- **Inlay** u **Onlay**: Relevanti biss għall-molari u l-premolari
- **Fuljett**: Rilevanti biss għall-inċiżivi u l-premolari

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Agħżel l-għażla tat-trattament meħtieġ, pereżempju, kuruna.

   Se tintalab sabiex tagħżel it-trattament rilevanti għall-ordni dentali li tkun għażilt.



Figura 60: Id-definizzjoni tal-proprjetajiet ristorattivi

5. Agħżel l-issettjar rilevanti -mil-listi li jinżlu. L-issettjar immarkati b'asterisk huma obbligatorji. Fil-bidu, l-għażla tal-materjal biss hija obbligatorja, iżda ladarba l-materjal jiġi magħżul, issettjar oħra jiġu obbligatorji skont il-materjal magħżul. Barra minn hekk, l-għażliet f'kull issettjar jinbidlu skont il-materjal magħżul.
   - **Materjal:** Il-materjal mnejn qed tiġi fabbrikata l-ordni dentali.
   - **Disinn ta' tħejjija:** Il-forma tal-linja tal-finitura (linja tal-marġini) maħluqa mill-utent waqt il-preparazzjoni. Trid tagħżel dan kemm għall-ħalq u kif ukoll għall-ilsien.
   - **Disinn tal-Marġini:** It-tip ta' relazzjoni tal-qasma ċeramika-metall hija meħtieġa għall-kuruna magħżula li għandha -bażi tal-metall. Trid tagħżel dan kemm għall-ħalq u kif ukoll għall-ilsien. Dan huwa rilevanti biss għal xogħol dentali tal-metall.
   - **Sistema tal-Isfumaturi:** Is-sistema użata biex tingħażel l-isfumatura tal-kuruna.
     - **Inċiżali:** L-isfumatura għaż-żona inċiżali tal-kuruna.
     - **Qafas:** L-isfumatura taż-żona tal-qafas tal-kuruna.
     - **Genġivali:** L-isfumatura għaż-żona ġengivali tal-kuruna.
   - **Sfumatura Stumpf:** L-isfumatura tas-sinna ppreparata.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

6. Taptap biex tissejvja l-għażla tiegħek u terġa' lura għat-tieqa *New Scan (Scan Ġdida).*

   Il-preferenzi tiegħek huma murija fiż-żona **Treatment Information (Informazzjoni dwar it-Trattament)**.



Figura 61: Informazzjoni dwar it-Trattament

Tista' teditja l-preferenzi tiegħek fi kwalunkwe ħin qabel ma tibgħat l-iscan billi ttaptap fuq .

4.2 Skenjar tal-pazjent

Wara li tkun imlejt l-Rx, taptap fuq it-toolbar sabiex tidħol fil-modalità Scan. It-tieqa *Scan* tiġi murija b'tali mod li tħallik tiskenja l-pazjent.

Waqt l-iskenjar, tista' twettaq l-azzjonijiet li ġejjin:

- Tara rispons ta' scan addizzjonali, deskritt f'taqsima 4.2.3.1
- Taqleb mill-modalità tal-kulur għal dik monokromatika, deskritta fit-taqsima 4.2.3.2

Wara l-iskenjar, inti tista' teditja l-iscan billi:

- Tħassar segment, kif deskritt f'taqsima 4.2.4.1
- Tħassar żona magħżula, kif deskritt f'taqsima 4.2.4.2
- Taqbad żoni b'anatomija nieqsa, kif deskritt f'taqsima 5

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Meta tispiċċa tiskenja l-pazjent, taptap fuq it-toolbar sabiex timxi għall-modalità**Ara**, fejn tista' tiżgura li l-iscan li għamilt hija kompluta qabel ma tibgħatha lil-laboratorju jew taħżinha, kif deskritt f'taqsima 4.3.

4.2.1 Gwida għall-iskenjar

Malli tgħaddi għall-modalità Scan, is-sekwenza tal-iskenjar rakkomandata għas-segment tal-iscan magħżul tidher fiċ-ċentru tat-tieqa tal-iskener. Din se tisparixxi awtomatikament wara ftit, jew tista' ttaptap fejn trid fuq l-iskrin sabiex taħbiha.

iTero tirrakkomanda li timxi mas-sekwenza tal-iskenjar għall-aħjar riżultati.



Figura 62: Sekwenza ta' skenjar rakkomandat – ix-xedaq t' isfel

Nota: Jekk tagħżel iċ-checkbox **Terġax turi**, din il-gwida ma terġax tinwera fl-iscans ġejjiena. Tista' ġġib lura l-gwida billi tippermettiha fl-issettjar tal-**iScan**, kif deskritt f'taqsima 3.6.2.1.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Barra minn hekk, jekk tagħfas ż-żewġ buttuni tal-wand fl-istess ħin, se tidher il-gwida li ġejja:



Figura 63: Gwida tal-wand

4.2.2 L-aħjar prattiċi għall-iskenjar

iTero tirrakkomanda l-aħjar prattiki li ġejjin għal skenjar ta' każijiet ristorattivi:

- Kun ċert/a li s-sinna ppreparata u ż-żona tal-madwar huma ħielsa minn kontaminazzjoni ta' trabijiet, bżieq u demm.
- Is-sinna ppreparata għandha tkun niexfa u l-linja tal-marġini għandhom ikunu ħielsa mit-tessut.
- Inti għandek tkun familjari mat-tekniki x-xierqa tal-iskenjar u tevita skenjar żejjed.

4.2.3 Għażliet tal-iscan

Fil-modalità Scan, tista' tagħżel l-għażliet li ġejjin:

- Response ta' scan addizzjonali, deskritta fit-taqsima 4.2.3.1
- Taqleb minn kulur/abjad u iswed, deskritta fit-taqsima 4.2.3.2
- Editja l-iscan:
  - Tħassar segment, deskritta fit-taqsima 4.2.4.1
  - Tħassar għażla, deskritta fit-taqsima 4.2.4.2
  - Timla l-anatomija nieqsa, deskritta fit-taqsima 5

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.2.3.1 Rispons ta' scan addizzjonali

Tista' tattiva l-modalità tar-rispons ta' scan addizzjonali sabiex twissik bl-oqsma li jeħtieġu skenjar addizzjonali, biex tiżgura li ż-żoni kritiċi li jistgħu jikkompromettu l-mudell kollu ma jinqabżux.

Żoni b'anatomija nieqsa huma enfasizzati bl-aħmar meta tiskenja fil-modalità monokromatika, u vjola meta tiskenja fil-modalità bil-kulur.



Figura 64: Żoni b'anatomija nieqsa murija permezz ta' rispons ta' scan addizzjonali jew mingħajru - bla kulur.



Figura 65: Żoni b'anatomija nieqsa murija permezz tar-rispons ta' scan addizzjonali - modalità bil-kulur.

Din il-modalità hija attivata b'mod awtomatiku, imma tista' tkun diżattivata għal kull każ billi tagħfas jew b'mod awtomatiku fl-issettjar tal-iScan, kif deskritt f'taqsima 3.6.2.1.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.2.3.2 Qlib tal-kulur tal-iscan

Il-buttuna tal-qlib tal-kulur tippermettilek li taqleb bejn il-modalitajiet bil-kulur u monokromatiċi. Dan japplika kemm għall-iskenjar u kif ukoll sabiex jintwerew it-tipi ta' każijiet kollha.



Figura 66: Mudell muri fil-modalità bil-kulur u dik monokromatika

Il-mudelli huma skenjati bil-kulur b'mod awtomatiku, imma tista' taqleb id-display għal kull każ billi tagħfas jew b'mod awtomatiku fl-issettjar tal-iScan, kif deskritt f'taqsima 3.6.2.1.

4.2.3.3 Biex tibdel is-segment tal-iscan li jmiss

Waqt l-iskenjar, is-segment kurrenti huwa enfasizzat bil-blu fil-kontrolli tan-navigazzjoni, u jintwera wkoll fil-kaxxa indikatriċi tas-segment, bejn il-vleġeġ.

Tista' timxi għas-segment li jmiss billi:

- Taptap fuq is-segment tal-arkata, prep, jew gidma rilevanti
- Taptap il-vleġeġ



Figura 67: Taptap l-arkata opposta jew taptap il-vleġeġ sabiex tagħżilha

- Mexxi lejn ix-xellug jew lejn il-lemin minn fuq it-touchpad tal-wand.

  Nota: Biex tippermetti t-touchpad tal-wand, agħfas u itlaq iż-żewġ buttuni tal-wand fl-istess ħin.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.2.4 Editjar ta' scan

Wara li tkun skenjajt il-mudell, tista' teditjah billi tuża l-għodod li ġejjin:

- L-għodda Ħassar is-Segment, deskritta fit-taqsima 4.2.4.1
- L-għodda Ħassar is-Segment, deskritta fit-taqsima 4.2.4.2
- L-għodda tal-Mili, deskritta fit-taqsima 5

L-għodod tal-editjar jiġu aċċessati billi tagħfas fuq l-iskrin.



Figura 68: Għodod tal-editjar

4.2.4.1 It-tħassir ta' segment

L-għodda Ħassar is-Segment tippermettilek sabiex tħassar is-segment skenjat kollu.

Biex tħassar is-segment:

1. Agħfas l-iskrin sabiex turi l-għodda tal-editjar.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2. Taptap l-għodda Ħassar is-Segment .



Figura 69: L-għodda Ħassar is-Segment

Messaġġ ta' konferma huwa muri.

3. Agħfas **OK** biex tikkonferma t-tħassir.

Is-segment kollu li ġie skenjat tħassar.

4.2.4.2 Biex tħassar għażla

L-għodda Ħassar l-Għażla tħallik tħassar sezzjoni tal-iscan sabiex tkun tista' tiġi skenjata mill-ġdid.

Biex tħassar għażla:

1. Agħfas l-iskrin sabiex turi l-għodda tal-editjar.
2. Taptap l-għodda Ħassar l-Għażla .



Figura 70: L-għodda Ħassar l-Għażla

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

L-għodda Ħassar l-Għażla tespandi u l-mudell jintwera bla kulur:



Figura 71: L-għodda Ħassar l-Għażla mkabbra

3. Miss iż-żona tal-anatomija li trid tħassar.

   L-għażla titneħħa.



Figura 72: Iż-żona magħżula tal-anatomija titħassar

4. Jekk meħtieġ, taptap biex tannulla l-bidliet tiegħek.
5. Taptap sabiex tiskenja mill-ġdid l-anatomija mħassra.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.2.4.3 Il-mili tal-anatomija nieqsa

Xi drabi jkun hemm żoni b'anatomija nieqsa li ma jimtlewx anki wara li tipprova tiskenja ż-żona bosta drabi. Dawn iż-żoni jistgħu jkunu kkawżati minħabba l-interferenza tal-anatomija (xufftejn, ħaddejn u l-ilsien) jew mill-umdità fis-segment tal-iskenjar.

L-għodda tal-Mili tenfasizza dawn iż-żoni u mbagħad tiskenja ż-żoni enfasizzati biss, biex jiġi evitat skenjar żejjed.

Biex tuża l-għodda tal-Mili:

1. Agħfas l-iskrin sabiex turi l-għodda tal-editjar.
2. Taptap l-għodda tal-Mili .



Figura 73: Għodda tal-Mili

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Iż-żoni li jeħtieġ li jiġu skenjati huma enfasizzati bl-aħmar.



Figura 74: Iż-żoni li jeħtieġ li jiġu skenjati huma enfasizzati bl-aħmar - l-għodda tal-Mili

4.3 Biex tara l-iscan

Wara li tiskenja l-pazjent, agħfas sabiex timxi għall-modalità View biex tispezzjona l-mudell u tiżgura li ġiet maqbuda anatomija okklużali u orali suffiċjenti, u li l-mudell huwa preċiż u komplet.

Jekk hemm segmenti ta' jew gdim li huma nieqsa, se jintwera messaġġ fil-bidu tal-istadju tal-ipproċessar -ta' wara li jinnotifikak b'dan u jippermettilek sabiex tmur lura u tirranġa l-iscan. Għal aktar informazzjoni, ara taqsima 4.3.1.

Waqt li tara l-iscan, tista':

- Tħassar iż-żoni magħżula ta' scan, kif deskritt fit-taqsima 4.3.2
- Taqta' barra tessuti żejda mill-iscan, kif deskritt fi 4.3.4
- Toħloq is-separazzjoni tad-die b'mod manwali jekk il-punt tal-ħjiel aħdar ma kienx fiċ-ċentru tas-sinna ppreparata waqt l-iskenjar, kif deskritt fit-taqsima 4.3.5

Wara li tkun irrivedejt l-iscan, taptap fuq it-toolbar sabiex tibgħat l-iscan lil-laboratorju jew taħżinha, kif deskritt f'taqsima 4.4.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.3.1 Notifiki ta' segmenti tal-iscan nieqsa

Jekk hemm segmenti tal-iscan jew scans tal-gidma li huma nieqsa meta ttaptap il-buttuna, inti tkun innotifikat/a fil-bidu tal-istadju tal-ipproċessar ta' wara, u tkun tista' tmur lura u tirranġa l-iscan, sabiex tnaqqas l-intervent manwali aktar 'il quddiem.

Se jintwerew notifiki fil-każijiet li ġejjin:

- Segmenti tal-preparazzjoni jew tal-arkata nieqsa – segmenti mhux skenjati jew mhux magħqudin flimkien b'mod xieraq
- Problemi bil-gidma:
  - Gidma nieqsa
  - Gidma skenjata minn naħa waħda biss
  - Diskrepanza bejn l-iscans tal-gidma tax-xellug u tal-lemin

  Flimkien ma' dan, it-taqsima tal-gidma fil-kontrolli tan-navigazzjoni għandha tkun enfasizzata bl-aħmar.

Il-messaġġ jista' jkun ġeneriku, jew speċifiku ħafna dwar il-problema, inkluża l-gwida dwar kif għandha tiġi kkoreġuta. F' ċertu każijiet, se tkun imwissi/ja li l-każ jista' jintbagħat lura mil-laboratorju jekk ma tirranġax il-problemi.



Figura 75: Messaġġ tal-iscan nieqes u segmenti nieqsa enfasizzati bl-aħmar

Tista' ttaptap **Lura għall-Iskenjar** sabiex terġa' tmur lura għall-modalità Scan u tiskenja mill-ġdid is-segmenti li huma nieqsa, enfasizzati bl-aħmar fil-kontrolli tan-navigazzjoni.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.3.2 Kif taħdem bl-għodda tat-Tħassir

L-għodda tat-Tħassir tippermettilek sabiex tħassar żona magħżula tal-mudell li ġie skenjat u mbagħad terġa' tiskenjah mill-ġdid.

Pereżempju:

- Tista' tneħħi l-umdità u artifatti fil-livell tal-marġini, bħal demm jew bżieq.
- Jekk is-sinna ppreparata turi żoni bl-aħmar fuq il-leġġenda tal-iSpazju Okklużali, tista' ċċekken is-sinna ppreparata, tħassar iż-żona fuq il-mudell, u mbagħad tiskenjaha mill-ġdid, kif deskritt hawn taħt.

Biex tħassar parti mill-iscan:

1. Fit-tieqa *View (Ara)*, kun ċert li qiegħed fid-dehra tal-Ħalq u fit-taqsima rilevanti li trid titħassar, u mbagħad taptap l-għodda tat-Tħassir .



Figura 76: Għodda għat-Tħassir

L-għodda tat-Tħassir tespandi biex turi l-għażliet li ġejjin:



Figura 77: Għażliet tal-għodda tat-tħassir

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2. B’ subgħajk, immarka ż-żona li trid tiġi modifikata.



Figura 78: Immarka ż-żona li trid tiġi modifikata

Hekk kif tneħħi subgħajk, iż-żona magħżula titneħħa u l-għodda tal-iscan tiġi attivata.



Figura 79: Iż-żona magħżula tneħħiet u l-għodda tal-iscan ġiet attivata

3. Jekk meħtieġ, agħfas biex tannulla dak li ħassart.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Wara li taġġusta l-ispazju ta' fuq is-sinna tal-pazjent, taptap biex terġa' lura għall-modalità Scan u tiskenja mill-ġdid iż-żona li ġiet mħassra, li hija mmarkata bl-aħmar.



Figura 80: Iż-żona mħassra mmarkata bl-aħmar

5. Taptap l-għodda tal-Ispazju sabiex tikkonferma li s-sinna ppreparata tnaqqset biżżejjed.

4.3.3 Kif taħdem bl-għodda tal-Ispazju

L-għodda tal-Ispazju tippermettilek sabiex tara l-kuntatt u d-distanza bejn is-snien opposti, sabiex tiżgura li s-sinna ppreparata ċċekknet biżżejjed għall-materjal magħżul fl-Rx.

L-għodda tal-Ispazju tista' tkun aċċessata mill-modalità View u mill-Viewer, kif deskritt f'taqsima 4.7.1.

Nota: L-għodda tal-Ispazju tidher biss wara li tkun skenjajt ix-xedaq ta' fuq, x-xedaq t' isfel, u l-gidma.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Biex turi l-ispazju okklużali:

1. Fit-tieqa *Ara*, taptap l-għodda tal-Ispazju .
   L-ispazju okklużali ta' bejn is-snien opposti hu muri.



Figura 81: L-ispazju okklużali bejn is-snien opposti

2. Jekk ikun hemm bżonn, ċekken is-sinna ppreparata u skenja ż-żona mill-ġdid, kif deskritt fit-taqsima 4.3.2 t' hawn fuq.
3. Jekk meħtieġ, tista' tibdel il-valuri okklużali murija fuq is-snien opposti.
   a. Fuq il-leġġenda, agħfas **Kejl**.
      Il-leġġenda tespandi sabiex turi lista ta' għażliet t' intervalli, f'millimetri.

Figura 82: L-għażliet t' intervalli tal-Ispazju Okklużali

   b. Agħżel il-kejl meħtieġ.
      L-ispazju okklużali jintwera skont l-iskala l-ġdida.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.3.4 Kif taħdem bl-għodda tat-Tirqim tat-Truf

L-għodda tal-**Edge Trimming (Tirqim tat-Truf)** tippermettilek sabiex taqta' barra t-tessut artab żejjed bħal artifatti tal-ħadd jew tax-xoffa mill-iscan. Din l-għodda hija disponibbli għat-tipi ta' każijiet kollha, ħief għat-tipi ta' każijiet ristorattivi.

Biex taqta' barra l-materjal żejjed:

1. Fit-tieqa ta' *View (Ara)* taptap l-għodda tat-Tirqim tat-Truf .



Figura 83: Għodda tat-tirqim tat-truf

L-għodda tat-Tirqim tat-Truf tespandi sabiex turi l-għażliet li ġejjin:

Figura 84: Għażliet tal-għodda tat-tirqim tat-truf

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

2. B’ subgħajk, immarka ż-żona li tixtieq taqta' barra.



Figura 85: Immarka ż-żona li se tinqata' 'l barra

Iż-żona li se tinqata' 'l barra tiġi enfasizzata u l-ikona ta' konferma hija attivata.



Figura 86: Iż-żona magħżula hija enfasizzata u l-ikona ta' konferma attivata

3. Jekk meħtieġ, tista' ttaptap fuq biex tannulla t-tirqim.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Taptap biex tikkonferma t-tirqim.

   Iż-żona magħżula tneħħiet.



Figura 87: Iż-żona magħżula tneħħiet

4.3.5 Kif taħdem bl-għodda tas-Separazzjoni tad-Die

Is-separazzjoni tad-die hija maħluqa awtomatikament, skont il-pożizzjoni tal-punt l-aħdar tal-ħjiel, li għandu jkun fiċ-ċentru tas-sinna ppreparata wara l-iskenjar.

Jekk meħtieġ, iż-żona ta' separazzjoni tad-die tista' tiġi editjata jew maħluqa b'mod manwali.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Biex turi s-separazzjoni tad-die:

1. Wara li tiskenja s-sinna ppreparata, kun ċert/a li l-punt tal-ħjiel aħdar huwa ċċentrat fuq is-sinna ppreparata. Mexxih manwalment, jekk meħtieġ.



Figura 88: Il-punt tal-ħjiel aħdar iċċentrat fuq is-sinna ppreparata

2. Taptap fuq it-toolbar biex timxi għall-modalità **View (Ara)**.

3. Fit-tieqa ta' *View (Ara)*, taptap fuq l-għodda tas-Separazzjoni tad-Die .
   Is-separazzjoni tad-die hija murija f'riżoluzzjoni għolja.



Figura 89: Is-separazzjoni tad-die hija murija f'riżoluzzjoni għolja

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Biex toħloq is-separazzjoni tad-die manwalment:

1. Fit-tieqa ta' *View (Ara)*, taptap fuq l-għodda tas-Separazzjoni tad-Die .
   L-għodda tespandi sabiex turi l-għażliet li ġejjin:

Figura 90: Għażliet tal-għodda tas-Separazzjoni tad-Die

2. Taptap fuq u immarka s-segment kollu b'subgħajk.
   L-iscan jintwera f'riżoluzzjoni baxxa.



Figura 91: L-iscan muri f'riżoluzzjoni baxxa

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Taptap biex timmarka s-sinna ppreparata b'riżoluzzjoni għolja.
   Il-mudell huwa muri kif ġej:



Figura 92: Qabel ma tagħżel is-separazzjoni tad-die

4. Pinġi ż-żona għas-separazzjoni tad-die.
   Iż-żona magħżula hija murija b’ riżoluzzjoni għolja.



Figura 93: Is-sinna ppreparata huma murija b'riżoluzzjoni għolja

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.3.6 Uża t-timer tal-iscan

It-timer tal-iscan jippermettilek tara kemm ħadet ħin sabiex tiskenja l-mudell.

Biex tara l-ħin tal-iscan:

1. Fuq il-toolbar, agħfas il-buttuna .

   Il-ħin tal-iscan jintwera.



Figura 94: Il-buttuna tat-timer tal-iscan fuq if-toolbar u ħin tal-iscan

2. Agħfas **OK** biex tagħlaq it-tieqa.

4.4 Biex tibgħat l-iscan

Wara li tkun skenjajt il-pazjent u rajt l-każ sabiex tiżgura li l-ebda dejta ma tkun nieqsa, tista' tibgħat l-iscan lil-laboratorju jew għall-ħżin, skont it-tip tal-każ.

Biex tibgħat l-iscan:

1. Taptap fuq it-toolbar sabiex tibgħat il-każ, inklużi l-iscreenshots, jekk ikun hemm.
2. Żid il-firma tiegħek sabiex tawtorizza l-ordni u mbagħad taptap **Confirm and Send (Ikkonferma u Ibgħat)**.



Figura 95: Biex tibgħat l-iscan

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Jekk ikun meħtieġ, agħżel iċ-checkbox **Save Signature (Issejvja l-Firma)** sabiex tissejvja l-firma tiegħek għal awtorizzazjoni ta' każijiet futuri.
4. Jekk ikun meħtieġ, agħżel iċ-checkbox **Don't show again (Terġax turi)** sabiex taqbeż l-istadju tal-awtorizzazzjoni.

   Biex tmur lura għall-istadju tal-awtorizzazzjoni, iddefinixxi l-issettjar tal-firma, kif deskritt f'taqsima 3.6.2.3.

   Messaġġ ta' notifika juri li l-mudell qed jintbagħat u mbagħad tidher il-paġna tal-profil tal-pazjent li turi l-istat tal-ordni.

4.5 Il-bażi tal-iskenjar ristorattivi

Għal deskrizzjoni dettaljata ta' kif jiġu skenjati każi ristorattivi, jekk jogħġbok irreferi għall-*Gwida Elettronika ristorattivi ta' iTero Element*
http://storagy-itero-production-eu.s3.amazonaws.com/download/en/iTero-Element-Restorative-Guidebook.pdf

4.6 Il-bażi tal-iskenjar ortodontiku

Għal deskrizzjoni dettaljata dwar kif jiġu skenjati l-każijiet ortodontiċi, jekk jogħġbok irreferi għall-*Gwida Elettronika Ortodontika ta' iTero Element*
http://storagy-itero-production-eu.s3.amazonaws.com/download/en/iTero-Element-Ortho-Guidebook.pdf

4.7 Biex taħdem bil-Viewer

Il-Viewer hija għodda li tippermettilek tara u timmanipula l-mudell diġitali għal preżentazzjoni tal-każijiet. Il-każijiet li diġà ntbagħtu biss jistgħu jidhru fil-Viewer.

Il-Viewer jista' jiġi aċċessat minn Ordnijiet tal-Passat fil-paġna tal-*Orders (Ordnijiet)*, jew minn paġna speċifika tal-profil tal-pazjent.



Figura 96: L-għażla tal-Viewer fil-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat fil-paġna tal-Ordnijiet

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



Figura 97: L-għażla tal-Viewer fil-paġna tal-profil tal-pazjent

Fil-Viewer, tista' tagħfas fuq dan li ġej sabiex:

Turi/taħbi x-xedaq ta' fuq



Turi/taħbi x-xedaq t' isfel

Turi ż-żewġ ixdqa

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Turi l-mudell sabiex tara kollox f'tieqa waħda, bix-xedaq ta' fuq u dak t'isfel fl-istess tieqa (dehra minn Quddiem).

Figura 98: Mudell f'dehra ta' tieqa waħda

Rilevanti għat-tipi ta' każijiet Ortodontiċi biss.

Turi l-mudell f'dehra ta'
żewġt itwieqi, bix-xedaq ta' fuq u dak t' isfel fi twieqi separati (dehra Okklużali). Kull mudell jista' jiġi kkontrollat separatament, għal evalwazzjoni aħjar.



Figura 99: Mudell f'dehra f'żewġ twieqi

Rilevanti għat-tipi ta' każijiet Ortodontiċi biss.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Uri l-mudell f'dehra ta' ħames tweiqi, bix-xedaq ta' fuq u dak t' isfel fi twieqi separati, u ż-żewġ ixdqa murija min-naħa tax-xellug, tan-nofs u tal-lemin (dehra Gallery). Kull mudell jista' jiġi kkontrollat separatament, għal evalwazzjoni aħjar.



Figura 100: Mudell f'dehra ta' ħames twieqi

Rilevanti għat-tipi ta' każijiet Ortodontiċi biss.

Uri/aħbi l-linja tal-marġini tas-sinna ppreparata.

Rilevanti għat-tipi ta' każijiet Ristorattivi biss.

Uri/aħbi l-ħandaq maħluq mit-tim tal-Immudellar.

Rilevanti għat-tipi ta' każijiet Ristorattivi biss.

Aqleb bejn il-wiri tal-mudell bil-kulur jew monokromatiku.

Uri/aħbi l-ispazju bejn is-snien opposti, kif deskritt f'taqsima 4.7.1.

Nota: Meta l-istatus tal-każ ikun **iTero Modeling (Immudellar tal-iTero)**, huwa jkun fl-istadji bikrija tal-immudellar u l-linja tal-marġini u l-għodda tad-die jkunu diżattivati.

Meta l-proċess tal-immudellar jitlesta, u l-linja tal-marġini u tad-die jkunu ġew editjati, il-bidliet se jidhru bil-kulur fuq il-mudell u l-għodda se jintwerew bil-kulur sabiex jindikaw li huma attivi.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4.7.1 Għodda tal-Ispazju

Tista' tara l-ispazju okklużali bejn is-snien opposti fil-Viewer.

Fil-Viewer, taptap .

L-ispazju ta' bejn is-snien opposti jiġi muri.



Figura 101: L-għodda tal-ispazju u l-leġġenda murija fil-Viewer

L-ispazju okklużali tista' taraha wkoll fil-modalità View waqt li tkun qiegħed tiskenja l-pazjent, kif deskritt f'taqsima 4.3.3.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5 Kif taħdem mal-pazjenti

Fuq l-home screen, taptap il-buttuna **Patients (Pazjenti)** biex turi l-paġna tal-*Pazjenti*.



Il-paġna tal-*Patients (Pazjenti)* turi lista tal-pazjenti tiegħek kollha, in-numru taċ-ċart tagħhom, u d-data ta' meta saret l-aħħar scan.



Figura 102: Il-paġna tal-pazjenti

Ladarba tkun għażilt pazjent, tista' tara l-profil tal-pazjent bid-dejta tal-pazjent.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.1 It-tiftix tal-pazjenti

Jekk ikun meħtieġ, tista' tfittex pazjenti fid-database ta' iTero billi tuża isimhom jew numri taċ-ċart.

Biex tfittex pazjent:

- Fil-paġna tal-*Patients (Pazjenti)*, daħħal isem il-pazjent jew in-numru taċ-ċart (jew parti minnu) fil-bar tat-tiftix u mbagħad taptap il-buttuna tat-tiftix .



Figura 103: Biex tfittex pazjent

Il-pazjenti li jaqblu mal-kriterji tat-tfittxija tiegħek huma murija.



Figura 104: Il-pazjenti li jaqblu mal-kriterji tat-tfittxija huma murija

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.2 Biex tara d-dettalji tal-pazjent

Tista' tara d-dettalji tal-pazjent, inkluži l-iscans preċedenti tal-pazjent, fil-paġna tal-profil tal-pazjent.

Biex tara d-dettalji tal-pazjent:

1. Taptap il-buttuna **Patients (Pazjenti)** fuq il-homescreen.

   Il-paġna tal-*Patients (Pazjenti)*hija murija, li turi lista tal-pazjenti tiegħek, in-numru taċ-ċart tagħhom, u d-data tal-aħħar scan tagħhom.

2. Agħżel il-pazjent meħtieġ mil-lista.

   Il-paġna tal-profil tal-pazjent magħżul hija murija:



Figura 105: Il-paġna tal-profil tal-pazjent

Mill-paġna tal-profil tal-pazjent, tista':

- Toħloq scan ġdida għal pazjent speċifiku, deskritta fit-taqsima 5.3
- Tara d-dettalji tal-Rx, deskritti fit-taqsima 2
- Tara l-iscans preċedenti tal-pazjent fil-Viewer, kif deskritta fit-taqsima 5.5
- Tqabbel 2 scans preċedenti bl-użu tat-teknoloġija iTero TimeLapse, deskritta fit-taqsima 5.5.1
- Tara kwalunkwe proċess relatat ma' Invisalign

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.3 Ħolqien ta' scan ġdida għal pazjent speċifiku

Jekk meħtieġ, tista' toħloq scan ġdida għal pazjent speċifiku. L-Rx se tinfetaħ bid-dettalji tal-pazjent mimlija diġà.

Biex toħloq scan ġdida għal pazjent speċifiku:

1. Fil-paġna tal-profil tal-pazjent, taptap **New Scan (Scan Ġdida)**.



Figura 106: Il-paġna tal-profil tal-pazjent – għażla ta' Scan Ġdida

It-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* hija murija.



Figura 107: It-tieqa tal-iScan Ġdida bid-dettalji tal-pazjent diġà mimlija

2. Imla l-kumplament tad-dettalji tal-Rx skont ir-rekwiżiti l-ġodda.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.4 Biex tara l-Rx

Jekk meħtieġ, tista' tara l-Rx ta' ordni preċedenti.

Biex tara l-Rx ta' ordni preċedenti:

1. Fil-paġna tal-profil tal-pazjent, agħżel l-ordni ta' liema trid tara l-Rx u mbagħad agħfas **View Rx (Ara l-Rx)**.



Figura 108: Il-paġna tal-profil tal-pazjent - L-għażla Ara l-Rx

It-tieqa *Rx Details (Dettalji tal-Rx)* hija murija.



Figura 109: Tieqa tad-Dettalji tal-Rx

2. Taptap biex terġa' lura għall-paġna tal-profil tal-pazjent.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.5 Biex tara l-iscans preċedenti fil-Viewer

Jekk ikun meħtieġ, tista' turi scans preċedenti fil-Viewer.

Biex tara scan preċedenti fil-Viewer:

1. Fil-paġna tal-profil tal-pazjent, taptap l-iskan li tixtieq turi fil-Viewer u mbagħad agħfas **Viewer**.



Figura 110: Paġna tal-profil tal-pazjent – l-għażla tal-Viewer

L-iscan hija murija fil-Viewer.



Figura 111: Scan murija fil-Viewer

Għal aktar informazzjoni dwar kif taħdem bil-Viewer, ara taqsima 4.7.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

5.5.1 Tqabbil ta' scans preċedenti bl-użu tat-teknoloġija iTero TimeLapse

Il-pazjenti li huma skenjati fuq bażi regolari għandhom l-iscan tagħhom analizzata bl-użu tat-teknoloġija tal-iTero TimeLapse.

It-teknoloġija tal-iTero TimeLapse tqabbel 2 mill-iscans 3D tal-pazjent meħuda preċedentement sabiex tippermetti l-viżwalizzazzjoni tal-bidliet fis-snien tal-pazjent, l-istruttura tas-sinna, u tat-tessuti r-rotob tal-ħalq f'dan il-perjodu bejn scan u oħra. Pereżempju, it-teknoloġija tal- iTero TimeLapse tista' turi t-tkagħbir tas-sinna, ir-riċessjoni tal-ħanek, u l-moviment tas-snien fuq l-perjodu rilevanti.

Nota: It-teknoloġija tal-iTero TimeLapse hija disponibbli għat-tipi ta' każijiet iRecord u ortodontiċi biss.

Biex tuża t-teknoloġija tal-iTero TimeLapse:

1. Agħżel il-pazjent li tixtieq toħloqlu viżwalizzazzjoni iTero TimeLapse.
2. Fil-paġna tal-profil tal-pazjent, agħżel żewġ scans sabiex tqabbilhom. Tista' tagħżel l-iscans billi tagħżel iċ-checkboxes ħdejn l-ordnijiet rilevanti, jew billi tagħżel iċ-checkboxes fiż-żona tal-**Timeline (Kronoloġija)** f'qiegħ il-paġna.



Figura 112: iTero TimeLapse - l-għażla l-iscans sabiex jitqabblu

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

3. Taptap il-buttuna **Compare Selected (Qabbel il-Magħżulin)** sabiex tqabbel l-iscan flimkien u tanalizzahom.

   It-Tieqa tal-iTero TimeLapse hija murija u tenfasizza ż-żoni bid-differenzi bejn l-iscans. Aktar ma jkun skur il-kulur, aktar tkun kbira d-differenza bejn l-iscans, kif muri fil-leġġenda (il-kejl tal-iskala huwa f'millimetri).



Figura 113: it-tieqa tal-iTero timelapse turi l-bidliet bejn l-iscans enfasizzati

Nota: Il-bidliet huma enfasizzati biss meta l-iscans jintwerew fil-modalità monokromatika.

Jekk meħtieġ, agħfas fuq biex tmexxi l-iscan għad-dehra okklużali awtomatika – l-arkata t' isfel bis-snien ta' quddiem fil-qiegħ u l-arkata ta' fuq bis-snien ta' quddiem fil-parti ta' fuq u ż-żewġ arkati fid-dehra minn quddiem bħad-dehra awtomatika tal-iRecord.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

4. Iġbed il-lenti fuq il-mudell sabiex tara ż-żoni ta’ interess u ż-żoni potenzjali ta’ trattament fit-tieqa tal-animazzjoni.

   Se tintwera animazzjoni li tqabbel l-istat tas-snien fiż-żona ta' interess kurrenti fuq id-dati tal-iscan magħżula.

Figura 114: Żona ta' interess mill-ewwel scan murija fit-tieqa tal-animazzjoni



Figura 115: Żona ta' interess mit-tieni scan murija fit-tieqa tal-animazzjoni

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Tista' tiżżumja ġewwa l-immaġni fit-tieqa tal-animazzjoni jew ittaptap il-buttuna pawża sabiex twaqqaf l-animazzjoni.

Jekk meħtieġ, tista' tbiddel l-iskala tal-bidliet murija.

a. Fuq il-leġġenda, agħfas **Scale (Kejl)**.

Il-leġġenda tespandi sabiex turi lista ta' intervalli, f'millimetri:



Figura 116: L-għażliet ta' kejl ta' iTero TimeLapse

b. Agħżel il-kejl meħtieġ.

Il-bidliet huma murija skont il-kejl il-ġdid.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

6 Kif taħdem mal-ordnijiet

Taptap il-buttuna tal-**Orders (Ordnijiet)** sabiex turi lista b'l-ordnijiet tiegħek kollha. Il-buttuna jista' jkun fiha badge li tindika n-numru ta' ordnijiet li għadhom ma ġewx sottomessi.



Il-paġna tal-*Orders (Ordnijiet)* hija magħmula minn żewġ pannelli li jelenkaw l-ordnijiet li għadhom għaddejjin u dawk li diġà ġew sottomessi.

Tista' tara d-dettalji li ġejjin għal kull ordni: isem il-pazjent, id-data tal-iscan, it-tip ta' każ, u l-istat tal-ordni.

L-ordni jista' jkollha wieħed mill-istati li ġejjin, skont it-tip ta' każ:

- **Rx Maħluq:** L-Rx imtela, iżda l-pazjent għadu ma ġiex skenjat.
- **Skenjar:** Il-proċess tal-iskenjar għadu għaddej
- **Qiegħed jintbagħat:** L-iscan qiegħda fil-proċess li tintbagħat
- **Mibgħuta:** Il-każ intbagħat
- **iTero Modeling:** L-ordni ntbagħtet lil iTero Modeling
- **Evalwazzjoni tal-Laboratorju:** L-ordni ntbagħtet lil-laboratorju għal evalwazzjoni
- **Align Production:** Il-każ għaddej minn proċess intern
- **Esportazzjoni għal Doctor Site:** Il-każ jinsab fi triqtu lejn il-portal IDS
- **Lesti:** Il-proċess tlesta

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.



Figura 117: Il-paġna tal-ordnijiet

Biex tara jew tirrevedi l-ordnijiet:

1. Taptap il-buttuna tal-**Orders (Ordnijiet)** fuq il-home screen.

   Il-paġna tal-*Orders (Ordnijiet)*hija murija u fiha żewġ pannelli - Ordnijiet **Għaddejjin** u **Ordnijiet tal-Passat**.

   - **Għaddejjin:** L-iscans għadhom ma ġewx sottomessi.
   - **Ordnijiet tal-Passat:** L-iscans diġà ġew sottomessi.

2. Taptap fuq ordni fil-pannell **Għaddejjin** sabiex tara l-għażliet li ġejjin:



Figura 118: Il-pannell Għaddejjin – għażliet

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

- **Ara l-Rx:** Tiftaħ it-tieqa *Rx Details (Dettalji tal-Rx)*, li tippermettilek sabiex tara r-riċetta għal din l-ordni.
- **Scan:** Tiftaħ it-tieqa *Scan*, li tippermettilek toħloq scan ġdida jew tkompli tiskenja l-pazjent.
- **Ara l-iScans:** Tiftaħ it-tieqa *View (Ara)*, li tippermettilek tirrevedi l-iscan kurrenti.

3. Taptap fuq ordni fil-pannell tal-**Past Orders (Ordnijiet tal-Passat)** sabiex tara l-għażliet li ġejjin, skont it-tip ta' każ:



Figura 119: Il-pannell tal-Ordnijiet tal-Passat - għażliet

- **Ara l-Rx:** Tiftaħ it-tieqa tad-*Rx Details (Dettalji tal-Rx)*, li tippermettilek sabiex tara r-riċetta għal din l-ordni.
- **Viewer:** Tiftaħ it-tieqa tal-*Viewer*, li tippermettilek sabiex tara u timmanipula l-mudell.
- **Żid Rx:** Tiftaħ it-tieqa *New Scan (Scan Ġdida)* li tippermettilek iżżid riċetta għal din l-ordni (applikabbli biss għall-ordnijiet Ortodontiċi u disponibbli sa 21-il jum wara l-iscan).
- L-utenti ta' Invisalign jistgħu wkoll jagħżlu l-karatteristiċi ta' Invisalign li ġejjin:
  - Simulatur tar-Riżultati Invisalign Go
  - Valutazzjoni tal-Każ Invisalign Go
  - Simulatur tar-Riżultati Invisalign
  - Evalwazzjoni tal-Progress Invisalign

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

7 Dehra tal-messaġġi

Il-paġna *Messages (Messaġġi)*turi notifiki, aġġornamenti, u messaġġi oħra dwar is-sistema minn Align Technology, pereżempju, aġġornamenti tal-prodott, sessjonijiet edukattivi li ġejjin, jew problemi ta' konnettività tal-internet.

Jekk rilevanti, tista' tara n-numru ta' messaġġi ġodda jew mhux moqrija fuq il-badge ta' fuq il-buttuna **Messages (Messaġġi)**.





Figura 120: Paġna tal-Messaġġi

Biex tara l-messaġġi:

1. Taptap il-buttuna tal-**Messages (Messaġġi)** fuq il-home screen.

   Lista ta' notifiki, aġġornamenti, u messaġġi oħra minn Align Technology hija murija.

2. Fil-pannell tax-xellug, fittex għal messaġġ speċifiku malajr skont it-titlu tas-suġġett jew skrollja 'l isfel mill-pannell sabiex issib messaġġ speċifiku.

3. Biex timmarka kwalunkwe messaġġ bħala mhux moqri, agħfas **Mark as Unread (Immarka bħala mhux Moqri)**.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

8 Kif taħdem b'MyiTero

MyiTero huwa portal fuq l-internet, bl-istess dehra-u-esperjenza tas-softwer ta' iTero. Il-portal jippermetti lill-utenti sabiex iwettqu kompiti amministrattivi bħall-mili ta' Rx ġdida fuq kwalunkwe apparat appoġġjat bħal, pereżempju, PC jew tablet, mingħajr ma jkollokhom għalfejn jaħlu ħin prezzjuż tal-iskener. Barra minn hekk, iħallik tara mudelli 3D wara li jkunu nħolqu mill-iskener u tara l-progress tal-Ordnijiet.

MyiTero huwa mmirat għal ortodontisti u dentisti ġeneriċi u l-persunal tagħhom (assistenti, amministraturi tal-uffiċċju u l-bqija).

Għal aktar informazzjoni dwar kif taħdem permezz ta' MyiTero, jekk jogħġbok irreferi għal *Manwal tal-Utent tal-MyiTero*.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

9 Karatteristiċi ta' iTero Invisalign

9.1 Simulatur tar-Riżultati Invisalign

Simulatur tar-Riżultati Invisalign huwa għodda ta’ softwer li jippermettilek turi lill-pazjenti r-riżultat simulat tat-trattament Invisalign tagħhom.

Tista' tagħmel aġġustamenti fuq ir-riżultat simulat f'ħin reali waqt li tkun qiegħed turih lill-pazjent. Din l-għodda tipprovdi informazzjoni addizzjonali lill-pazjent fid-deċiżjoni tiegħu sabiex jaċċetta t-trattament.

Għal aktar informazzjoni dwar is-Simulatur tar-Riżultati Invisalign, irreferi għal http://storagy-itero-production-us.s3.amazonaws.com/download/en-us/iOSim_User_Guide.pdf

9.2 Evalwazzjoni tal-Progress Invisalign

L-għodda tal-Evalwazzjoni tal-Progress tinkludi rapport li huwa tabella tal-moviment tas-snien b'kodiċi ta' kulur sabiex tgħin lill-utent jieħu deċiżjonijiet dwar it-trattament sabiex isegwi l-progress tal-pazjent fil-pjan tat-trattament ClinCheck tiegħu.



Figura 121: It-tieqa tal-Valutazzjoni tal-Progress

Għal aktar informazzjoni rigward l-għodda ta' Valutazzjoni tal-Progress Invisalign, irreferi għat-taqsima tal-**Valutazzjoni tal-Progress** fil-*Gwida tal-Utent tas-Simulatur tar-Riżulatati* http://storagy-itero-production-us.s3.amazonaws.com/download/en-us/iOSim_User_Guide.pdf.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

9.3 Is-Sistema Invisalign Go

Invisalign Go hija prodott ta' allinjament ta' stadju bikri li tgħinek tevalwa u tikkura l-pazjenti tiegħek permezz ta' ftit klikks, fejn tkun iggwidat f'kull pass li tagħmel.

Għal aktar informazzjoni rigward is-Sistema Invisalign Go, irreferi għad-dokumentazzjoni ta' Invisalign.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

10 Kura u manutenzjoni

10.1 Tqandil tal-wand u tal-kejbil

L-unità tal-wand fiha komponenti delikati u għandha tiġi mqandla b'attenzjoni.

Meta ma tkunx qed tintuża,l-wand għandha titqiegħed ġewwa l-benniena, bil-komma protettiva blu mehmuża. Jekk għandek sistema ta' iTero Element Flex, il-wand għandha tinħażen fil-kaxxa għall-ġarr fornuta meta s-sistema ma tkunx qed tintuża.

Wara kull pazjent, ħoll kwalunkwe tagħwiġ u għoqiedi fil-kejbil tal-wand sabiex tneħħi t-tensjoni kollha. Jekk il-kappa tal-kejbil tinqala' minn mal-bastun, erġa' ehmiżha bil-mod.

Il-wand teħtieġ li titnaddaf u tiġi diżinfettata b'mod xieraq qabel ma tintuża għall-ewwel darba u bejn kull darba li tiġi użata b'mod addizzjonali, u mhux aktar tard minn 30-il minuta wara l-aħħar scan. Għal aktar informazzjoni dwar it-tindif u d-diżinfettar tal-wand, ara taqsima 10.2, hawn taħt.

10.2 Tindif u diżinfezzjoni tal-wand

Il-wand għandha titnaddaf u tiġi diżinfettata kif ġej:

1. Xarrab ċarruta mingħajr tnietex lesta għall-użu CaviCide 1, u mbagħad agħsar il-biċċa drapp sakemm tkun niedja.
2. Imsaħ il-bastun bir-reqqa sabiex tneħħi l-fdalijiet il-kbar.

   L-apparat kollu jeħtieġ li jiġi spezzjonat viżwalment sabiex jiġi żgurat li l-ebda fdalijiet ta' residwu ma jibqgħu qabel ma jitkompla l-pass li jmiss.
3. Xarrab żewġ ċraret addizzjonali mingħajr tnietex ġewwa CaviCide 1, u agħsar sakemm iċ-ċraret ikunu niedja.
4. Imsaħ l-apparat bir-reqqa għal mill-inqas 2 minuti sabiex tiżgura li l-uċuħ kollha, inklużi t-truf u x-xquq kollha jkunu tnaddfu wkoll.
5. Imbagħad xarrab xi ċraret mingħajr tnietex b'ilma distillat u imsaħ l-uċuħ kollha għal mill-inqas 15-30 sekonda.
6. Nixxef l-uċuħ permezz ta' ċraret mingħajr tnietex.

10.2.1 Tindif tat-touch screen tal-iskener

It-touch screen tal-iskener għandu jitnaddaf wara kull pazjent, kif ġej:

1. Naddaf l-uċuħ ta' barra kollha tas-sistema permezz ta' wipes diżinfettanti approvati, jew sprej diżinfettant fuq wipe mingħajr-tnietex u segwi l-istruzzjonijiet tal-manifattur.
2. Neħħi kwalunkwe likwidu diżinfettant żejjed permezz ta' wipe nadifa u mingħajr tnietex.

Nota: Tużax prodotti tat-tindif li joborxu u/jew aġenti tat-tindif korrużivi jew diżinfettanti bl-aċtu, bażijiet, aġenti ossidanti u solventi.

10.3 Manutenzjoni tal-webcam

Il-webcam fornuta m' għandhiex bżonn manutenzjoni u tista' titnaddaf permezz ta' wipe mingħajr tnietex jekk ikun meħtieġ.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

11 Linji gwida tan-netwerk LAN tal-klinika

11.1 Introduzzjoni

L-iskener tal-iTero Element juża l-konnettività Wi-Fi tal-internet sabiex jibgħat l-iscans u jiksibhom mill-cloud ta' iTero.

Hawn taħt għandek issib xi linji gwida sabiex tikseb l-aqwa konnessjoni bil-Wi-Fi.

Livelli ta' Konnettività tal-Internet Wi-Fi

Eċċellenti

>-50 dBm

Tajjeb

-50 sa -60 dBm

Mhux ħażin

-60 sa -70 dBm

Dgħajjef

<-70 dBm

IMPORTANTI: Sabiex tinkiseb l-aħjar prestazzjoni mill-iskener tiegħek, kun ċert/a li s-saħħa tas-sinjal tal-Wi-Fi hija Eċċellenti jew għallinqas Tajba.

ATTENZJONI: Kun ċert/a li ma jkun hemm **ebda** kejbil tal-LAN imqabbad mal-iskener meta tkun qed tiskenja pazjent – dan huwa projbit minħabba raġunijiet ta' periklu.

11.2 Tħejjijiet

- Il-modem/router meħtieġ għandu jiġi konfigurat mal-istandard tas-sigurtà WPA2, flimkien ma' password.
- Kun ċert/a li l-istaff professjonali tal-IT tiegħek ikun disponibbli meta l-installazzjoni tal-iskener tkun ippjanata li sseħħ.
- Kun ċert/a li l-kredenzjali SSID tal-Wi-Fi tiegħek huma disponibbli: Login u password.
- Is-sinjal minimu tas-saħħa tas-Wi-Fi għas-sistema għandu juri mill-inqas żewġ linji, kif muri hawn fuq.
- Dawn li ġejjin huma xi suġġerimenti għall-persunal mill-uffiċċju tal-IT, rigward dak li għandu jiġi kkunsidrat sabiex jiġu evitati problemi bħal dawk tal-aċċess jew il-konnettività għal/mal-iskener tal-iTero:
  - Ismijiet rakkomandati tal-hosts marbuta mas-servizzi ta' qari ta' Align ma' ports 80 u 443, kif deskritt f'taqsima 11.7.
  - Timpedixxix il-komunikazzjoni FTP peress li l-iskener jibgħat tipi ta' fajls speċifiċi (.3dsand.3dc/.3dm).
  - Iddiżattiva kwalunkwe klijent tal-proxy għall-komunikazzjoni tad-dejta permezz tat-TCP/IP.
  - Iżżidx l-iskener ma' ebda grupp tad-domain.
  - Tħaddem ebda politika tal-grupp fuq l-iskener għaliex dan jista' jtellef l-iskener milli jiffunzjona sew.

11.3 Linji gwida għar-router

Livelli minimi: 802.11N / 802.11AC

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

11.4 Linji gwida għall-konnessjoni tal-Internet

Sabiex tikseb l-aħjar prestazzjoni tal-iskener tiegħek, żgura li l-veloċità tal-upload tal-konnessjoni tal-internet tiegħek hija mill-inqas 1Mbps għal kull skener. Flimkien ma' dan, innota li kwalunkwe apparat addizzjonali konness mal-internet li huwa paralleli mal-iskener jista' jaffettwa l-prestazzjoni tal-iskener.

11.5 Firewall

Iftaħ il-ports li ġejjin (f'każ ta' firewall):

- 80 - HTTP - TCP
- 443 - HTTPS - TCP

11.6 Pariri dwar il-Wi-Fi

Ir-routers tal-Wi-Fi jippermettu li jkollok aċċess għas-sistema tal-internet tiegħek billi tuża konnessjoni tal-Wi-Fi minn essenzjalment kwalunkwe post fil-firxa funzjonali tan-netwerk wireless. Madankollu, in-numru, il-fond u l-pożizzjoni tal-ħitan, tas-soqfa, jew ta' diviżjonijiet addizzjonali li s-sinjali wireless iridu jgħaddu minnhom jistgħu jillimitaw il-firxa u s-saħħa tas-sinjal. Is-sinjali normali jvarjaw skont it-tipi ta' materjali u l-istorbju tal-isfond RF (frekwenza tar-radju) fid-dar jew fin-negozju tiegħek.

- Kun żgur li jkollok numru minimu ta' ħitan u soqfa bejn ir-router u apparati oħrajn tan-netwerk. Kull ostaklu jista' jnaqqas il-firxa tal-adapter tiegħek b'1-3 metri (3-9 pied).
- Kun ċert/a li jkollok linja dritta, ħielsa minn kull diviżjoni, bejn l-apparati tan-netwerk. Anki ħajt li jidher irqiq jista' jimblokka sinjal ta' metru (3 piedi) jekk l-anglu tal-ħajt jkun ixxiftjat b'2 gradi biss. Sabiex tikseb l-aqwa riċezzjoni, poġġi l-apparat kollu biex b'hekk is-sinjal tal-Wi-Fi jgħaddi dritt minn ġol-ħajt jew diviżjoni (minflok minn b'anglu).
- Il-materjali tal-kostruzzjoni jagħmlu differenza. Bieb solidu tal-metall jew imsiemer tal-aluminju jistgħu jkunu densi ħafna u jkollhom effett negattiv fuq is-sinjal tal-Wi-Fi. Ipprova ppożizzjona l-punti ta' aċċess, routers wireless u kompjuters sabiex b'hekk is-sinjal jivvjaġġa minn ħitan niexfa jew bibien miftuħa. Materjali u oġġetti bħal ħġieġ, azzar, metall, ħitan b'iżolazzjoni, tankijiet tal-ilma (akkwarji), mirja, kabinetti għall-fajls, briks, u konkrit jistgħu jnaqqsu s-sinjal wireless tiegħek.
- Żomm l-prodott iTero tiegħek 'il bogħod (mill-inqas minn 3-6 piedi jew minn 1-2 metri) minn apparati elettriċi jew tagħmir li jiġġenera ħoss RF.
- Jekk qiegħed tuża telefowns bla fili ta' 2.4GHz jew X-10 (prodotti wireless bħal fannijiet tas-saqaf, dawl remot, u sistemi tas-sigurtà tad-dar), il-konnessjoni wireless tiegħek tista' titnaqqas severament jew tinżel għal kollox. Il-bażi ta' ħafna apparati wireless tittrasmetti sinjal RF, anke jekk l-apparat ma jkunx qiegħed jintuża. Poġġi l-apparati wireless l-oħra tiegħek kemm jista' jkun 'il bogħod mill-iskener u r-router tiegħek.
- Fiż-żona tiegħek, jista' jkun hemm aktar minn netwerk wireless wieħed attiv. Kull netwerk juża kanal wieħed jew aktar. Jekk il-kanal jinsab qrib il-kanali tas-sistema tiegħek, il-komunikazzjoni tista' tonqos gradwalment. Staqsi lid-dipartiment tal-IT tiegħek sabiex jiċċekkja dan, u jekk ikun meħtieġ, ibdel in-numri tal-kanali użati min-netwerk tiegħek.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

11.7 Rakkomandazzjonijiet tal-hostname ta' Align

Align tipprova ttejjeb il-prodotti u s-servizzi tagħha l-ħin kollu, u għalhekk tista' tuża Hostname, aktar milli l-indirizz IP speċifiku.

Il-lista tal-hostnames li ġejjin inħolqot sabiex tipprovdi lill-iskeners ta' Align il-funzjonijiet tat-tħaddim xieraq, sabiex ikunu jistgħu jużaw il-kapaċitajiet avvanzati kollha tal-prestazzjoni tal-iskener.

Rakkomandazzjoni tal-hostnames ta' Align:

Hostname	Port
Mycadent.com	80, 443
Myaligntech.com	80, 443
Export.mycadent.com	80, 443
Cboserver.mycadent.com	80, 443
Matstore.invisalign.com	80, 443
Matstore2.invisalign.com	80, 443
Matstore3.invisalign.com	80, 443
Matstore4.invisalign.com	80, 443
Matstoresg.invisalign.com	80, 443
Matstorechn.invisalign.com.cn	80, 443
Il-firxa tal-AWS IP - Is-servizz globali tas-CDN ta' Amazon - Il-firxa tal-indirizz IP tvarja skont il-post tal-iskaner.	80, 443
cloud.myitero.com	443
speedtest.tele2.net	80
alignapi.aligntech.com	80, 443
http://www.google.com	80, 443
http://www.microsoft.com	80, 443
http://www.yahoo.com	80, 443
iterosec.aligntech.com	80, 443
storage.cloud.aligntech.com	443

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

12 Dikjarazzjoni tal-EMC

IEC 60601-1-2 Edizzjoni 4.0 (2014)	Apparat elettriku mediku; Parti 1-2: Standard Kollaterali: Kompatibilità elettromanjetika - Rekwiżiti u testijiet
CFR 47 FCC	Regoli u Regolamenti: Parti 15. Apparati bil-frekwenza tar-radju. Subparti B: Radjaturi mhux intenzjonati (2015)
ETSI EN 301489-1 (Rilevanti għall-iTero Element 2 biss)	Standard tal-Kompatibilità Elettromanjetika (EMC) għal tagħmir u servizzi tar-radju; Parti 1: Rekwiżiti tekniċi komuni
Ambjent għal fejn hu maħsub li jintuża	Kura tas-Saħħa Professjonali u Ambjent tal-Faċilità għall-Kura tas-Saħħa tad-Dar

Minħabba tfixkil elettromanjetiku, f'xi każijiet, l-immaġni tista' tisparixxi u jidher messaġġ ta' waqfa tal-komunikazzjoni fuq it-touch screen. L-iskener jerġa' lura għall-modalità ta' tħaddim wara l-intervent tal-utent jew l-irkupru awtomatiku.

Dan li ġej huwa sommarju tar-riżultati tat-test EMC għall-iskeners iTero Element 2 u iTero Element Flex:

Test	Standard	Livell ta' severità/linji	Ir-riżultati tat-test
Emissjoni (IEC 60601-1-2 taqsima 7)			
Emissjoni mwettqa Firxa tal-frekwenza: 150 kHz - 30 MHz	CISPR 11	Group 1 Klassi B fuq 230, 220, 120 u 100 VAC mains @ 50 Hz; 220 VAC mains @ 60 Hz	Jikkonforma
Emissjoni rradjata Firxa tal-frekwenza: 30 - 1000 MHz	CISPR 11	Grupp 1 Klassi B	Jikkonforma
Test armoniku tal-emissjoni kurrenti	IEC 61000-3-2	230 VAC mains @ 50 Hz & 220 V @ 50 Hz & 60 Hz	Jikkonforma
Bidliet fil-vultaġġ, fluttwazzjoni fil-vultaġġ u test tal-Flicker	IEC 61000-3-3	230 VAC mains @ 50 Hz & 220 VAC mains @ 50 Hz	Jikkonforma

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Test	Standard	Livell ta' severità/linji	Ir-riżultati tat-test
Immunità (IEC 60601-1-2 taqsima 8)			
Immunità minn skarika elettrostatika (ESD)	IEC 61000-4-2	Skariki ta' kuntatt ta' 8 kV & skariki ta' arja ta' 15 kV	Jikkonforma
Immunità minn żoni elettromanjetiċi rradjati	IEC 61000-4-3	10.0 V/m; 80 MHz ÷ 2.7 GHz, 80% AM, 1 kHz	Jikkonforma
Immunità minn żona ta' Prossimità minn tagħmir tal-komunikazzjoni wireless	IEC 61000-4-3	Lista ta' frekwenzi, minn 9 V/m sa 28 V/m, PM (18 Hz jew 217 Hz), FM 1 kHz	Jikkonforma
Immunità minn tranżituri Elettrika Veloċi (EFT)	IEC 61000-4-4	± 2.0 kV on 230 VAC @ 50 Hz;& 220 VAC mains @ 60 Hz; Tr/Th – 5/50 ns, 100 kHz	Jikkonforma
Immunità minn Żieda Qawwija fil-Vultaġġ	IEC 61000-4-5	±2.0 CM / ±1.0 kV DMon 230 VAC mains @ 50 Hz; & 220 VAC mains @ 60 Hz; Tr/Th – 1.2/50 (8/20) μs	Jikkonforma
Immunità minn disturbi kondotti bl-użu ta' żoni ta' frekwenza tar-radju	IEC 61000-4-6	3.0, 6.0 VRMS on 230 VAC mains @ 50 Hz & 220 VAC mains @ 60 Hz u kejbil tal-Wand;0.15÷ 80 MHz, 80% AM @ 1 kHz	Jikkonforma
Immunità minn tnaqqis fil-vultaġġ, interruzzjonijiet qosra u varjazzjonijiet fil-vultaġġ	IEC 61000-4-11	Fuq 230 VAC & 100 VAC mains @ 50 Hz:0 % - 0.5 cycle & 1 cycle; 70% - 25 ċiklu; 0% - 250 ċiklu; fuq 220 VAC mains @ 60 Hz:0% - 0.5 ċiklu & 1 ċiklu; 70% - 30 ċiklu; 0% - 300 ċiklu	Jikkonforma

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Test	Standard	Livell ta' severità/linji	Ir-riżultati tat-test
Emissjoni (kull ETSI EN 301 489-1) **Rilevanti għal iTero Element 2 biss**			
Emissjonijiet imwettqa fuq terminals tal-mains fuq medda ta' frekwenza minn 150 kHz - 30 MHz	ETSI EN 301 489-1; EN 55032	Grupp 1 Klassi B mains ta' 230 VAC	Jikkonforma
Emissjonijiet radjati fuq meded ta' frekwenza minn 30 - 6000 MHz	ETSI EN 301 489-1; EN 55032	Klassi B	Jikkonforma
Test armoniku kurrenti	ETSI EN 301 489-1; EN 61000-3-2	Mains ta' 230 VAC	Jikkonforma
Testijiet Flicker	ETSI EN 301 489-1 EN 61000-3-3	Mains ta' 230 VAC	Jikkonforma
Immunità (kull ETSI EN 301 489-1) **Rilevanti għal iTero Element 2 biss**			
Immunità minn skarika elettrostatika (ESD)	EN 61000-4-2	skariku ta' kuntatt ta' 4 kV skariku ta' arja ta' 8 kV	Jikkonforma
Immunità minn żoni elettromanjetiċi rradjati	EN 61000-4-3	3.0 V/m, 80 MHz ÷ 6.0 GHz,80% AM, 1 kHz	Jikkonforma
Immunità minn tranżitorji Elettrika Veloċi (EFT)	EN 61000-4-4	Mains tal-AC:± 1.0 kV; Tr/Th – 5/50 ns, 5 kHz	Jikkonforma
Immunità minn Żieda Qawwija fil-Vultaġġ	EN 61000-4-5	Mains tal-AC:± 1.0 kV DM / ± 2.0 kV CM,Tr/Th – 1.2/50 (8/20) μs	Jikkonforma
Immunità minn disturbi kondotti bl-użu ta' żoni ta' frekwenza tar-radju	EN 61000-4-6	Mains tal-AC:3.0 V_{RMS}; 0.15÷80 MHz, 80% AM @ 1 kHz	Jikkonforma
Immunità minn interruzzjonijiet fil-Vultaġġ	EN 61000-4-11	Mains tal-AC:0 % - 0.5 cycle & 1 cycle; 70% - 25 cycles; 0% - 250 cycles	Jikkonforma

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

13 Whitepaper dwar is-sigurtà tal-prodott ta' iTero Element

Din il-whitepaper tapplika għas-serje tas-sistema ta' impressjoni ottika iTero® Element™. Skont il-verżjoni tal-prodott li akkwistajt, jista' jkun hemm differenzi fil-karatteristiċi tal-prodott. Barra minn hekk, billi dan l-artefatt inħoloq f'mument partikolari, jista' jkun sar xi tibdil fil-prattiki ta' sigurtà fil-prodott ta' Align Technology sabiex jindirizza l-evoluzzjoni u l-maturazzjoni fl-ekosistema tas-sigurtà tal-prodott.

Aħna nifhmu l-industrija tax-xjenzi tal-ħajja u tal-kura tas-saħħa u qegħdin nindirizzaw is-sigurtà tul l-organizzazzjoni kollha.

It-theddida ta' attakki ċibernetiċi fuq ix-xjenzi tal-ħajja u l-prodotti tal-kura tas-saħħa qiegħda tevolvi l-ħin kollu. B' dan f' moħħna, stabbilixxejna, b' mod proattiv, programm ta' sigurtà tal-prodott li huwa ffokat fuq l-akbar tnaqqis possibli tar-riskju ta' sigurtà assoċjat mal-prodotti tagħna, li jippermettilna sabiex inkunu viġilanti meta niffaċċjaw theddid emerġenti u ntejbu kontinwament il-prodotti tagħna.

Aħna għarafna l-importanza li jiġu inkorporati konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u ta' privatezza skont id-disinn u matul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-prodott tagħna. Biex twettaq dan, waqqafna tim b'funzjonalità inkroċjata għas-sigurtà tal-prodott, inklużi rappreżentanti mid-dipartimenti tal-inġinerija/żvilupp tas-softwer, sigurtà, legali/tal-privatezza, teknoloġija tal-informatika u kwalità.

Aħna nidentifikaw ir-riskji tas-sigurtà bl-użu ta' proċessi b'saħħithom għall-ġestjoni tar-riskji.

Align Technology hija impenjata li tindirizza u tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskji tas-sigurtà u tal-privatezza fil-prodotti li noħolqu, niżviluppaw u nagħmlu manutenzjoni tagħhom. Aħna nwettqu evalwazzjonijiet fil-fond tal-prodotti tagħna sabiex inkunu nistgħu nimplimentaw miżuri xierqa ta' mitigazzjoni tar-riskji sa mill-bidu tal-iżvilupp tal-prodott. Skont il-livell ta' riskju tal-prodott, kif ukoll il-funzjonalità tal-prodott, il-metodoloġija t' hawn taħt hija applikata.

Valutazzjoni tar-Riskju tas-Sigurtà tal-Prodott (PSRA): Align Technology wettqet PSRA fuq is-serje tas-sistema ta' impressjoni ottika iTero® Element™. Il-metodoloġija tal-valutazzjoni kienet tinkludi ppjanar u ġbir ta' informazzjoni, identifikazzjoni tal-profili applikabbli tal-prodott, żvilupp ta' reġistru tal-komponenti, twettiq ta' analiżi tal-kontrolli, identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet, kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' vulnerabbiltà, identifikazzjoni ta' kontrolli ta' mitigazzjoni xierqa, u kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' residwi. Ir-riskji ta' sigurtà u l-privatezza meqjusa bħala parti mill-prattika ewlenija tal-oqfsa tar-riskju ta' sigurtà tal-ingranaġġ tal-valutazzjoni tal-industrija li jinkludu, iżda mhux limitati għal, NIST 800-53, NIST CSF, UL 2900-2-1, ISO 80001, u l-Kontenut tal-FDA dwar is-Sottomissjonijiet ta' Qabel is-Suq għall-Ġestjoni taċ-Ċibersigurtà fl-Apparat Mediku.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Il-karatteristiċi ta' sigurtà u privatezza tal-prodott.

Il-kontrolli ta' sigurtà mhux eżawrjenti li ġejjin huma implimentati fis-serje tas-sistema ta' impressjoni ottika iTero® Element™:

- **Id-dejta ssevjata tal-PII hija kriptata:** L-Informazzjoni Personali Identifikabbli (PII) hija maħżuna f'database kriptata. Dan jgħin sabiex jipprevjeni milli aggressur jikseb l-informazzjoni tal-pazjent u tal-klijent maħżuna fl-iskener.
- **Dejta fi tranżitu hi kriptata:** Id-dejta tal-iskanja li hija maħżuna wkoll fuq is-servers ta' Align hija trasmessa permezz ta' kriptaġġ ta' 'Transport Layer Security' (TLS) bl-użu ta' ċertifikati ta' fiduċja. Dan jgħin sabiex jipprevjeni milli aggressur jikseb l-informazzjoni tal-pazjent u tal-klijent waqt li tkun fi tranżitu.
- **Il-protezzjonijiet kontra l-malware jinsabu fis-seħħ:** L-iskeners jiġu bis-softwer tal-anti-virus Trend Micro installat minn qabel li jfittex għall-fajls dannużi fis-sistema. Id-definizzjonijiet tas-softwer tal-anti-virus huma aġġornati ta' spiss u l-iscans huma skedati sabiex isiru kuljum fuq l-apparati.
- **Il-manutenzjoni remota mhix possibbli mingħajr permess:** It-tagħmir juża it-TeamViewer sabiex jistabbilixxi sessjoni remota. Is-softwer tat-TeamViewer jeħtieġ l-ID tal-Utent u password li jridu jiġu fornuti mill-klijent lill-persunal tas-servizz ta' Align qabel ma sseħħ il-konnessjoni.
- **Il-bidliet fis-sistema operattiva u s-softwer huma ristretti:** L-iskaners jimplimentaw il-modalità kiosk li tipprevjeni lill-utent milli jagħmel kwalunkwe bidla mhux mixtieqa lis-sistema operattiva u lill-komponenti tas-softwer.
- **Il-kontrolli tal-ġestjoni tal-aċċess tal-utent huma infurzati:** Huma meħtieġa kont tal-utent u password sabiex wieħed juża l-iskeners. Dan jgħin sabiex jiġi protett l-aċċess għall-iskener u użu mhux awtorizzat.
- **Is-segregazzjoni tad-dmirijiet hija applikata:** L-iskeners joffru l-abbiltà li jirreġistraw kontijiet multipli ta' utenti bi rwoli differenti għal skener wieħed. Hemm rwoli għal Tabib, Assistent u Tekniku tal-Appoġġ. Dan jgħin sabiex tiġi żgurata l-abbiltà li jiġu rintraċċati attivitajiet imwettqa minn utenti individwali b'tali mod li t-tagħmir ikun protett aħjar.
- Jekk għandek xi mistoqsijiet jew tħassib dwar kif inhuma deskritti r-riskji, jekk jogħġbok, ikkuntattjana mill-ewwel fuq TRM@aligntech.com jew privatezza@aligntech.com.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

14 Speċifikazzjonijiet tas-sistema

14.1 Speċifikazzjonijiet tas-sistema - iTero Element 2

Monitor	Touch screen HD ta' 21.5”
Wand	Il-wand tarmi dawl aħmar tal-lejżer (680nm Klassi 1) kif ukoll emissjonijiet tal-LED abjad.
Wireless LAN	Il-kard tal-LAN tipprovdi l-komunikazzjonijiet tan-netwerk lokali b'konnettività wireless.
Sigurtà	Jekk jogħġbok ara l-whitepaper dwar is-sigurtà tal-prodott f'taqsima 13.
Enerġija tat-Tħaddim	100-240VAC- 50/60 Hz – 200VA (massimu)
Temperatura tat-Tħaddim	18°C sa 26°C / 64.4°F sa 78.8°F **Nota:** Is-sistema se topera bi prestazzjoni mnaqqsa - mingħajr il-kapaċità ta’ skenjar - meta tkun soġġetta għal temperaturi minn 10°C sa 17°C (50°F sa 62.6°F) u 27°C sa 40°C (80.60°F sa 104°F)
Temperatura tal-Ħżin/Trasport	-5°sa 50°C / 23° sa 122°F
Pressjoni u Altitudni tat-Tħaddim	Pressjoni: 520 mmHg sa 771 mmHg (-69 kPa sa -103 kPa) Altitudni: -400 pied sa 10,000 pied
Pressjoni u Altitudni tal-Ħażna/tat-Trasport	Pressjoni: 430 mmHg sa 760 mmHg (~57 kPa sa ~101 kPa) Altitudni: 0 piedi sa 15,000 pied
Umdità Relattiva:	Tħaddim: 40% sa 70% Ħażna: 30% sa 90%
Qisien	Touch screen iTero HD: • Għoli: 356 mm (~14-il pulzier) • Wisgħa: 552 mm (~21.7 pulzieri) • Fond: 65 mm (~2.5 pulzieri) Wand: • Tul: 338.5 mm (~13-il pulzier) • Wisgħa: 53.5 mm (~2 pulzieri) • Fond: 69.8 mm (~3 pulzieri) Stand bir-roti: • Għoli: 1280 mm (~50 pulzier) • Wisgħa: 645 mm (~25 pulzier) • Fond: 625 mm (~24.5 pulzieri)
Piż Nett	Touch screen iTero HD: 8.3 kg (~18.3 libbri) Wand: 0.47 kg (~1 libbra), mingħajr il-kejbil Stand bir-roti: 13.6 kg (~30 libbra)
Piż tat-Tbaħħir	~37.5 kg (~83 libbra)

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

14.2 Speċifikazzjonijiet tas-sistema - iTero Element Flex

Monitor	Laptop b'touch screen
Wand	Il-wand tarmi dawl aħmar tal-lejżer (680nm Klassi 1) kif ukoll emissjonijiet tal-LED abjad.
Sigurtà	Align Technology tieħu r-responsabbiltà li tiżgura d-dejta tal-klijenti tagħna u tal-pazjenti tagħha bis-serjetà. Id-dejta kollha tal-pazjent hija trażmessa permezz ta' kanal TLS kriptat u l-komunikazzjonijiet u l-informazzjoni huma maħżuna b'mod sigur, li jippermettu lill-klijenti tagħna sabiex jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipproteġu d-dejta tal-pazjenti tagħhom.
Enerġija tat-tħaddim	100-240VAC- 50/60 Hz – 40VA (mass)
Temperatura operattiva	18°C sa 26°C / 64.4°F sa 78.8°F
Temperatura tal-Ħżin/tat-Trasport	-5°sa 50°Ċ / 23° sa 122° F
Pressjoni tat-tħaddim u altitudni	Pressjoni: 520 mmHg sa 760 mmHg (~69 kPa sa ~101 kPa) Altitudni: -0 piedi sa 10,000 pied
Pressjoni tal-Ħażna/tat-Trasport u altitudni	Pressjoni: 430 mmHg sa 760 mmHg (~57 kPa sa ~101 kPa) Altitudni: 0 piedi sa 15,000 pied
Umdità relattiva	Tħaddim: 40% sa 70% Ħażna: 30% sa 90%
Qisien	Il-hub iTero Element Flex: • Tul: 206 mm (~ 8 pulzieri) • Wisgħa: 94 mm (~3.7 pulzieri) • Fond: 36.5 mm (~1.4 pulzieri) Wand tal-iTero Element Flex: • Tul: 338.5 mm (~13-il pulzier) • Wisgħa: 53.5 mm (~2 pulzieri) • Fond: 69.8 mm (~3 pulzieri) Benniena tal-iTero Element Flex: • Tul: 262 mm (~10 pulzieri) • Wisgħa: 89 mm (~3.5 pulzieri) • Fond: 52 mm (~2 pulzieri) Kaxxa għall-ġarr: • Għoli: 326.5 mm (~13-il pulzier) • Wisgħa: 455 mm (~18-il pulzier) • Fond: 184 mm (~7 pulzieri)
Piż nett	Il-hub iTero Element Flex: ~ 0.5 kg (~1 libbra) Wand tal-iTero Element Flex: 0.47 kg (~1 libbra) Kaxxa għall-ġarr vojta: ~ 2 kg (~4.5 libbri)
Piż tat-trasferiment	~8 kg (~17.6 libbri)

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Indiċi

A

Assemblaġġ
- iTero Element 2, 7
- iTero Element Flex, 12
- Struzzjonijiet, 7

B

Benefiċċji, 1
Biex tara l-iscan, 63
Biex tibgħat l-iscan, 75
Biex timxi għas-segment li jmiss, 58
Biex titfi l-apparat, 27
Biex tmexxi l-iskener, 27
Biex toħroġ, 26

D

Dettalji tal-Rx, 85
Dijanjostiċi, 44
Dikjarazzjoni tal-EMC, 102

E

Editjar tal-iscan, 59
Evalwazzjoni tal-Progress Invisalign, 96

F

Firewall, 100

G

Għodda
- Gomma, 65
- Ħassar is-Segment, 59
- Ħassar l-Għażla, 60
- Mili, 62
- Separazzjoni tad-Die, 71
- Spazju, 67
- Tirqim tat-Truf, 69

Għodda tal-Ispazju, 67
- Viewer, 80

Għodda tal-Mili, 62
Għodda tas-Separazzjoni tad-Die, 71
Għodda tat-Tħassir, 65
Għodda tat-Tirqim tat-Truf, 69
Gwida, 55
Gwida għall-iskenjar, 55

H

Ħardwer, 2
- Assemblaġġ, 7
- iTero Element 2, 2
- iTero Element Flex, 3

I

Idħol, 23
Informazzjoni dwar is-sistema, 46
Interfaċċja tal-utent, 27
Issettjar
- Dħul, 43
- Dijanjostiċi, 44
- Esportazzjoni, 47
- Firma, 41
- Informazzjoni dwar is-Sistema, 46
- Kompjuter, 33
- Konfigurazzjoni tas-sinkronizzazzjoni, 46
- Liċenzji, 45
- Lingwa, 42
- Luminożità, 33
- Rx, 40
- Scan, 37
- Sistema, 43
- Utent, 37
- Volum, 33
- Wi-Fi, 34
- Żona tal-ħin, 36

Issettjar tad-dħul, 43
Issettjar tal-firma, 41
Issettjar tal-iskener, 32
Issettjar tal-kompjuter, 33
Issettjar tal-lingwa, 42
Issettjar tal-Rx, 40
Issettjar tal-utent, 37
Issettjar tal-volum, 33
Issettjar tal-Wi-Fi, 34
Issettjar tas-sistema, 43
Issettjar taż-żona tal-ħin, 36
Is-Sistema Invisalign Go, 97
iTero Element 2, 2
- Assemblaġġ, 7

iTero Element Flex, 3
- Assemblaġġ, 12
- Trasport, 4

iTero- Tekonoloġija Timelapse, 87
It-tiftix tal-pazjenti, 82

K

Kmiem, 5
- Sostituzzjoni, 5

Konfigurazzjoni tas-Sinkronizzazzjoni, 46
Konformità, ii
Kontraindikazzjonijiet, ii
Kura u manutenzjoni, 98

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

L

L-aħjar prattiċi, 56
L-aħjar prattiċi għall-iskenjar, 56
L-għodda Ħassar is-Segment, 59
L-għodda Ħassar l-Għażla, 60
Liċenzji, 45
Linji gwida għall-konnessjoni tal-Internet, 100
Linji gwida għan-netwerk LAN
  Konnessjoni tal-Internet, 100
  Pariri dwar il-WiFi, 100
Linji gwida għar-router, 99
Linji gwida tal-LAN
  Firewall, 100
Linji gwida tan-netwerk LAN, 99
  rakkomandazzjonijiet għall-hostname, 101
  Router, 99
Login
  L-ewwel darba, 14
Luminożità
  Issettjar, 33

M

Make It Mine, 18
Manutenzjoni, 98
  Tindif tat-touch screen, 98
  Tindif u diżinfezzjoni tal-wand, 98
  wand u kejbil, 98
  Webcam, 98
Manutenzjoni tal-wand u tal-kejbil, 98
Manutenzjoni tal-webcam, 98
Messaġġi, 94
Mili tal-Rx, 49
Modalità Dimostrattiva, 14
  Ħruġ, 18
MyiTero, 95

N

Notifiki
  Segmenti tal-iscan nieqsa, 64
Notifiki ta' segmenti tal-iscan nieqsa, 64

O

Ordnijiet, 91

P

Pariri dwar il-Wi-Fi, 100
Password
  Issettjar mill-Ġdid, 25
Pazjenti, 81
  Ara l-Rx, 85
  Dettalji, 83
  Scan ġdida, 84
  Tiftix, 82
  Tqabbil ta' scans, 87
  Wiri tal-iscans, 86

Q

Qlib tal-kulur, 58

R

Rakkomandazzjonijiet għall-hostname, 101
Reġistrazzjoni tal-iskener, 18
Rispons ta' scan addizzjonali, 57
Rx
  Ara l-Rx, 85
  Ġdid, 49

S

Scan
  Bidu, 48
  Editjar, 59
  Għażliet, 56
  Ħin, 75
  Issettjar, 37
  Qiegħed jintbagħat, 75
  Qlib tal-kulur, 58
  Wiri, 63
Scan Ġdida, 48
Settings tal-Esportazzjoni, 47
Simboli, iii
Simulatur tar-Riżultati Invisalign, 96
Skenjar tal-pazjent, 54
Softwer, 6
  Installazzjoni, 13
Speċifikazzjonijiet tas-sistema, 107
  iTero Element 2, 107
  iTero Element Flex, 108
Struzzjonijiet ta' sigurtà, v

T

Teknoloġija TimeLapse, 87
Tindif tat-touch screen, 98
Tipi ta' scans ristorattivi, 51
Touch screen
  Ġesti, 31
  Tindif, 98
Tqabbil tal-iscans, 87

U

Użu maħsub, 1

V

Viewer, 76
  Għodda tal-Ispazju, 80

W

Wand, 4
  Tindif u diżinfezzjoni, 98

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati.

Align Technology, Inc.
2820 Orchard Parkway
San Jose, CA 95134
L-Istati Uniti tal-Amerika

Align, Invisalign, iTero Element fost oħrajn, huma marki ta' kummerċ u/jew marki ta' servizz ta' Align Technology, Inc. jew waħda mis-sussidjarji tagħha jew kumpaniji affiljati u jistgħu jkunu rreġistrati fl-Istati Uniti u/jew f'pajjiżi oħra.

© 2019 Align Technology, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. 210192 Rev A